# IL-ĦAJJA f'Għawdex

Nru. 858 April 2004



# Bi Kristu ninbnew f'Tempju Ħaj u Qaddis




# L-aħħar tħejjija għall-Preċett u l-Griżma

# "IVA NEMMEN"

- Il-Kredu mfisser bi kliem sempliċi għat-tfal, minn Mons. Salv Grima, skond il-Katekiżmu l-ġdid tal-Knisja Kattolika.
- Ktieb ieħor sabiħ fis-sensiela "Katekiżmu għaċ-Ċkejknin", bħala sussidju bażiku u ġenwin fit-tagħlim tad-duttrina, mhux biss għat-tfal imma wkoll għall-ġenituri tagħhom u għall-katekisti.
- Utli ħafna bħala reviżjoni fl-aħħar tħejjija kateketika qabel it-tfal jirċievu l-Ewwel Tqarbina jew il-Griżma ta' l-Isqof.
- Imżewwaq kollu bi stampi attraenti bil-kulur, joffri tagħlim ċar u sod imma b'lingwaġġ sempliċi għat-tfal, bħall-ewwel tlieta li ħarġu f'din is-sensiela ġdida kateketika.










*Jinbiegħu għall-prezz ta' Lm1 il-kopja mingħand il-librara ewlenin tal-kotba reliġjużi f'Malta u Għawdex.*

LUMEN CHRISTI PUBLICATIONS

LUMEN CHRISTI MEDIA CENTRE, VICTORIA, GĦAWDEX - TEL: 2156 0496

# f'din il-ħarġa

Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'ġara dan l-aħħar • 6
Mill-Knisja fid-Dinja • 9
Ċikku l-Għawdxi • 10
L-Intervista -
"Ninbnew f'Tempju Qaddis" • 12
Il-Klarissi fil-Gimgħa Mqaddsa • 15
Qabar Vojt• 17
Versi Riflessivi •19
ACM: Nixtiequ naraw lil Ġesù •20
Bookmark: Il-Bibbja f'Idejn iċ-Ċkejknin• 22
Għawdex 300 sena ilu –
Il-Paga tal-Uffiċjali tar-Riġment • 23
Tifsir fuq it-Tagħlim
tat-Twemmin Nisrani (26) • 24
Il-Biedja f'Għawdex (25) • 26
Għawdex... Kif nafu u narah jien (4) •30
Xhieda Nisranija: Dun Ġużepp Grima (1) •32
Għawdxin li għadna niftakru (14) -
Ġirġi tal-Mastizz • 34
"Qam minn bejn l-Imwiet" • 36
Int u saħħtek • 38
Għawdex Sportiv • 40
Kurżitajiet minn Madwar id-Dinja • 42

**IL-ĦAJJA f'Għawdex**

**Imwaqqfa f'Ġunju 1945**
***Ħarġa nru. 858***
***April 2004***
**Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex**

***Direzzjoni u Amministrazzjoni:***
**Lumen Christi Media Centre**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria - Għawdex VCT 111**
**Tel. 21560496/7 Fax. 21561860**
***e-mail:* lumenchristi@vol.net.mt**
***homepage:***
**www.gozodirect.com/lumenchristi**

**Abbonament: Lm3 Sostenitur: Lm 5**

**Issettjata: *Lumen Christi Media Centre***
**Stampata: *"Gozo Press" Tel.21551534***

*Din il-ħarġa ngħalqet għall-istampa fit-28 ta'Marzu 2004*
*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*

**Ritratt tal-Qoxra:**
**Pastorali, Liturġija u Festi fin-Nadur**
**(ara l-Intervista, pp. 12-14)**

# EDITORJAL

## Kultura tad-Dubju

*Id-dubju inissel l-inċertezza u l-inċertezza ħafna drabi aktarx li twassal għal sens ta' nuqqas ta' sigurtà u nuqqas ta' stabilità fil-bniedem. Jeħtieġ li l-bniedem modern jerġa jibda mill-ġdid jippromovi fih il-ġibda innata għat-tfittix tal-verità - dik il-verità awtentika li tagħmlu ħieles u tagħtih bażi stabbli li fuqha jkun jista jsawwar l-idejali ta' ħajtu.*

*Wieħed mit-temi prinċipali trattati mill-Isqfijiet tagħna fil-Pastorali tar-Randan ta' din is-sena, li kienet iġġib it-titlu : 'Lura għand il-Mulej', kien propju dwar il-kultura tad-dubju li qed tinxtered fis-soċjetà tagħna: "Qed ngħixu f'mentalità fejn id-dubju qed isir kultura, u fejn qed tinbet il-konvinzjoni żbaljata li xejn m'hu assolut u li allura m'għandiex nibżgħu nimxu skond ma jidhrilna li hu l-aħjar għaċ-ċirkustanzi partikulari tagħna". Dan qed iwassal biex ħafna, skond kriterji li aktarx ma jkunu oġġettivi xejn, jaslu biex jieħdu ċerti deċiżjonijiet ibbażati fuq morali suġġettiva, ikkreata 'ad hoc' fis-sitwazzjoni partikulari tagħhom, mingħajr l-ebda ħsieb serju jew konsultazzjoni. Mhux biżżejjed li wieħed jgħid li hu nisrani. It-twemmin u l-konvinzjoni ta' l-individwu jridu jimmanifestaw ruħhom, aktar milli fil-paroli, fil-fatti u fid-deċiżjonijiet konkreti tal-ħajja ta' kuljum.*

*Fl-istess Pastorali tar-Randan, l-Isqfijiet komplew jinsistu li "ħafna minn dak li għal ta' qabilna kien joffri punt ta' riferenza, għax kienu konvinti li kien mibni u qiegħed fis-sod, fi żmienna qed jispiċċa jogħla u jinżel mal-mewġ tad-dubju." Huma diversi r-raġunijiet il-għala dan il-'punt ta' riferenza' m'għadux daqshekk sagrosant għall-poplu tagħna, iżda żgur li parti mir-responsabilità għal dan it-telf tas-'sens ta' direzzjoni', taqa' fuq il-mass media, kif tistqarr l-istess Pastorali. Hija verament ħasra li ħafna drabi l-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali f'pajjiżna, jintużaw biex permezz tagħhom jitkattar id-dubju u "bil-mod kif jiġu organizzati jew immexxija, jispiċċaw jiżirgħu aktar konfużjoni flok jgħinu lil dak li jkun biex jifhem u jara aktar ċar."*

*Punt ieħor li l-Isqfijiet raw il-ħtieġa li jiċċaraw huwa dak ta' l-interpretazzjoni, minn xi wħud, tal-viżjoni morali u t-tagħlim tal-Knisja bħala regoli li jirrestrinġu u jxekklu. F'dan ir-rigward żvijaw xi ftit ukoll l-istudenti universitarji fis-survey li sar fosthom reċentement dwar it-twemmin tagħhom, fejn persentaġġi sostanzjali urew li filwaqt li l-maġġoranza fosthom temmen fi Kristu u t-tagħlim tiegħu, fl-istess ħin ftit urew li jemmnu f'ċertu tagħlim tal-Knisja rigward is-sess qabel iż-żwieġ, l-ewtanasja ...etċ.*

*Naturalment, it-tweġiba tal-Knisja għal dan hi waħda ċara: "Il-Knisja tista' tbiddel, iżżid jew tnaqqas il-liġijiet tagħha, kif fil-fatt ġieli sar fiż-żmien. Iżda l-Knisja qatt ma tista' tbiddel xi ħaġa minn dak li għallem Kristu jew dak li għandu rabta diretta ma' dak li għallem hu"*

*Toħroġ għalhekk ċara il-ħtieġa ta' kuxjenza iffurmata tajjeb fil-poplu tagħna. Meta wieħed jitkellem, jew aktar gravi joħroġ b'ċerti affermazzjonijiet fil-pubbliku, b'mod speċjali fuq il-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali, jeħtieġlu jara li ma jkunx qiegħed, flok jgħin, jippromovi l-kultura tad-dubju.*




### *Festa tal-Madonna tal-Fiduċja għand lis-Spigolatriċi fix-Xagħra*

Is-Sibt 14 ta' Frar, għall-okkażjoni tal-festa tal-Madonna tal-Fiduċja, Mons Isqof Nikol Ġ. Cauci, iċċelebra quddiesa fl-Istitut Sekulari *Spigolatrici della Chiesa*. Għaliha attendew il-membri fi ħdan dan l-istitut kif ukoll nies oħrajn. Fil-ħsieb li l-Isqof għamel semma l-ħtieġa tal-verità, tat-tama u tal-fiduċja f'Alla u fl-interċessjoni tal-Verġni Mbierka.

### *Pellegrinaġġ Penitenzjali mal-bidu tar-Randan*

F'Ta' Pinu nhar il-Ġimgħa 27 ta' Frar sar pellegrinaġġ penitenzjali djoċesan li telaq minn fejn is-siġra tal-Għarb sal-Bażilika tal-Madonna ta' Pinu. Dan il-pellegrinaġġ kien immexxi mill-Vigarju Ġenerali Mons. Giovanni Bosco Gauci. Dritt wara imbagħad, l-E.T. Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi mexxa konċelebrazzjoni. L-omelija tiegħu Mons. Isqof iddedikaha għat-tifsira tar-Randan u x'inhuma l-opri li wieħed mistenni jagħmel f'dan iż-żmien, fosthom talb, penitenza u karità. Biss hu aċċenna ukoll għall-fatt li dawn l-opri sbieħ m'għandhomx ikunu ristretti biss għal żmien ir-Randan iżda għandhom jiġu magħmula tul is-sena kollha. B'dawn l-atti wieħed jikkultiva u jsaħħaħ fih l-ispirtu tal-umiltà li mbagħad iwasslu biex jagħraf il-verità fuqu nnifsu u fuq Alla.

### *"Jum l-Isqof" f'għeluq il-75 Sena tiegħu fiċ-Ċentru "Ragħaj it-Tajjeb"*

Nhar it-Tlieta 2 ta' Marzu ġie ċċelebrat Jum l-Isqof u bħas-snin l-imgħoddija l-Moviment '*Pro Sanctitate*' organizza jum ta' talb għal Mons Isqof fil-parroċċi. Bħala għeluq ta' dan il-jum biex jitfakkar għeluq snin l-Isqof Mons. Nikol Ġ. Cauchi kif ukoll l-anniversarju tal-ħatra tiegħu bħala Amministratur Apostoliku tad-Djoċesi, saret quddiesa konċelebrata mmexxija minn Mons. Isqof stess fil-knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb fl-inħawi taċ-Ċawla. Minħabba li din is-sena, minħabba l-età l-isqof ressaq ir-riżenja tiegħu, din iċ-ċelebrazzjoni kellha sinjifikat ikbar. Fl-omelija tiegħu Mons. Isqof ħa l-okkażjoni biex jirringrazzja pubblikament lill-kappillani, saċerdoti li ħadmu miegħu l-Kurja, saċerdoti oħra u anki lajċi li kienu għalih ta'għajnuna kbira. Hu żied jgħid li d-djoċesi qisha ġnien li fih minn kollox u l-isqof id-dmir tiegħu hu li joħroġ il-pożittiv li ma tantx jidher, filwaqt li jnaqqas l-elementi negattivi. Hu ħeġġeġ lill-miġemgħa biex kif ikkoperat miegħu, tikkopera mas-suċċessur tiegħu wkoll, ikun min ikun.

### *Seminar tal-Parroċċa tal-Katidral*

Fid-Dar Manresa, nhar it-Ħamis 4 ta' Marzu, Fr. George Dalli mexxa seminar li sar mill-parroċċa tal-Katidral. L-għan ta' dan is-seminar kien li jiġi ppreparat il-Pjan Pastorali għall-parroċċa tal-Katidral. Fost l-oħrajn ġie mistieden Mons. Isqof biex jagħmel il-ħsieb tiegħu.

### *Żjara mill-Ambaxxatur tan-Netherlands lill-Isqof Cauchi*

L-E.T. l-Ambaxxatur tan-Netherlands għal Malta, Rienko Wilton, għamel żjara ta' kortesija lill-isqof fil-Kurja nhar il-Ħamis 4 ta' Marzu. Fit-taħdita huma tkellmu dwar il-gżira ta' Għawdex u l-ġrajjiet tagħha. Barra minn dan huma tkellmu ukoll dwar xi aspetti tal-ħajja fl-Olanda.

### *Irtir għall-Professjonisti f'Dar Manresa*

Fid-Dar Manresa bħala parti mill-eżerċizzi tar-Randan li saru għall-professjonisti, nhar il-Ħamis 4 ta' Marzu Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi qaddes quddiesa lill-istess professjonisti. L-eżerċizzi saru minn Profs. Peter Serracino Inglott.



### *Żjara tar-Rappreżentant Internazzjonali tal-ICRA*

Rappreżentanti minn diversi pajjiżi tal-Assoċjazzjoni Kattolika tal-Agrikoltura, żaru lill-Għawdex. Id-direttur spiritwali ta' din l-assoċjazzjoni Dun Fortunat Mizzi u xi oħrajn iċċelebraw quddiesa ġewwa s-Santwarju Ta' Pinu. Ma' dawn ikkonċelebra ukoll Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi li għamel l-omelija tiegħu.

### *Tqassim tal-Ġabra tal-Karità 2003*

It-Tlieta 9 ta' Marzu, l-Isqof t'Għawdex l-E.T. Mons Nikol Ġ. Cauchi, iċċelebra quddiesa fil-kappella tar-Ragħaj it-Tajjeb u waqt il-quddiesa qassam xi għotjiet lil diversi istituti u Opri ta' Karità mill-ġabra li kienet saret f''Jum il-Karità', fil-Festa ta' Kristu Re 2003. Fl-omelija hu semma li 'Jum il-Karità' isir mhux biss biex jinġabru fondi li mbagħad jitqassmu lil diversi entitajiet, iżda wkoll biex inqanqlu u nżommu ħajja fina kuxjenza soċjali u n-nies jidraw jieħdu iktar interess fl-għajnuna lejn ħuthom fil-bżonn is-sena kollha.

### *Tqassim tat-Testment il-Ġdid lill-istudenti*

Il-Ġimgħa 5 ta' Marzu, Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi żar l-iskola sekondarja Ninu Cremona fejn wara li ċċelebra quddiesa b'omelija qassam kopji tat-Testment il-Ġdid lill-istudenti tal-Form 1, kif isir ta' kull sena anki fi skejjel oħra. F'din l-okkażjoni Mons. Isqof aċċenna għall-importanza tal-qari tal-Iskrittura Mqaddsa.


## AVVIŻ MILL-KNISJA TA' LOURDES FL-MĠARR, GĦAJNSIELEM

*Ir-Rettur tas-Santwarju tal-Madonna ta' Lourdes fl-Mġarr, Għawdex, jixtieq jinforma lid-devoti tal-Madonna li għadu kemm irċieva stock kbir ta' varjetà sabiħa ta' kuruni, statwi jixgħelu, key-chains, chokers, ċrieket, domni, car magnets, u souvenirs oħra tal-Madonna. Jinbiegħu bi prezzijiet irħas ħafna mill-istess Santwarju. Għal tagħrif ieħor ċempel lir-Rettur, Dun Tarċisju Attard, Tel.2155 3087*



Majestic Electronics Centre

Video & DVD Rentals,
*Sales of*: TV's, VCR's, Hi-Fi,
Mobile Phones & Air-Conditioners

*F.Mizzi Street, Victoria, Gozo - Malta.*
Tel: 2156 6616 Mob:79461299

**Authorized Dealers in Gozo for**

SAMSUNG — *Satellite Receivers*
SANYO — *TV. DVD. VIDEO. AUDIO*
Pioneer — *Sound and Vision*
Roadstar — *Hi-Fi's of All Kinds*

*REPAIR CENTRE FOR MOBILES, TV's, VIDEOS, DVD's, HI-FI's, etc.*

# X'ġara dan l-aħħar



Lelio Spiteri

## *San Girgor iċċelebrat f'Kerċem b'Festi Ċentinarji*

Il-Parroċċa ta' Kerċem ħejjiet programm speċjali mit-3 sa l-14 ta' Marzu fl-okkażjoni tal-XIV-il Ċentinarju mill-mewt ta' San Girgor il-Kbir u l-Ewwel Ċentinarju mill-wasla ta' l-istatwa titulari tal-patrun. Għal dawn il-festi, ħa sehem l-Emm. Tiegħu l-Kardinal James Francis Stafford. Fil-festi ta' barra tat sehemha l-Banda San Girgor ta' l-istess raħal.



## *Restawr fuq l-Irxoxt tal-Bażilika tax-Xagħra*

L-istatwa ta' Kristu Rxoxt fil-Bażilika tax-Xagħra saret fl-1977 mill-artist statwarju Għawdxi Michael Camilleri Cauchi. Fl-2003 ġie nnutat li l-istatwa kienet ġarrbet xi ħsarat u għalhekk intbagħtet għand Michael Camilleri Cauchi biex jerġa' jsirilha r-restawr meħtieġ kif ukoll tiġi ndurata l-libsa li l-irxoxt huwa mgeżwer fiha. F'din il-ħidma taw sehemhom ukoll Mario Camilleri Cauchi u iben Michael, Ruben. L-istatwa ndurata tbierket Ħadd il-Għid filgħaxija u wara l-*pageant* bl-isem ta' "Għanjiet l-Irxoxt", id-dimostrazzjoni bl-istatwa ta' Kristu Rxoxt mat-toroq ewlenin tax-Xagħra.

## *Ġemellaġġ bejn żewġ Skejjel Primarji: Qala - Marsaxlokk*

Mit-Tnejn 15 sa l-Erbgħa 17 ta' Marzu sar ġemellaġġ bejn l-Iskola Primarja ta' Marsaxlokk Ġużeppina Deguara u l-Iskola Primarja tal-Qala President Anton Buttigieg. Grupp ta' tfal tal-ħames sena minn Marsaxlokk qattgħu tlett ijiem jitgħallmu mat-tfal tas-sitt sena ta' l-iskola tal-Qala. Flimkien żaru bosta postijiet ta' interess u tellgħu spettaklu fl-iskola Ninu Cremona. Fi tmiem l-attività, il-Viċi Sindku ta' Marsaxlokk il-Perit Edric Micallef ippreżenta għotja ta' sett ta' kotba lill-kap ta' l-iskola tal-Qala Marija Buttigieg. F'din l-okkażjoni tħawlet ukoll siġra taż-żebbuġ fil-ġnien ta' l-iskola tal-Qala. Din iż-żjara seħħet bl-għajnuna tal-Kunsill Lokali tal-Qala u għandha tkun reċiprokata fl-aħħar ġimgħa ta' Mejju meta t-tfal tas-sitt sena tal-Qala jagħmlu żjara ta' tlett ijiem fil-lokal ta' Marsaxlokk.



## *Ippjanat Żvilupp fis-Sala tal-Maternità*

Il-Ministru għal Għawdex żaret lill-ommijiet ġodda fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex fl-okkażjoni ta' "Jum il-Mara" nhar it-8 ta' Marzu. Il-Ministru ħabbret li ser isir proġett ta' żvilupp fis-sala tal-maternità ħalli f'parti minnha titwaqqaf *Gyneacology Unit*. Hekk is-sala tal-maternità tintuża sal-kapaċità tagħha.

## *Wirja marbuta mal-Ġimgħa Mqaddsa*

L-Għaqda Dilettanti Ġimgħa l-Kbira ta' Għawdex organizzat il-wirja tagħha marbuta mal-Ġimgħa Mqaddsa. Fil-wirja kienu esebiti oġġetti sagri marbuta ma' dan iż-żmien tas-sena. Il-wirja nżammet fis-Sala tal-Wirjiet fi Pjazza San Franġisk, Victoria u nfetħet il-Ġimgħa 5 ta' Marzu u baqgħet miftuħa sal-Ħadd 14 ta' Marzu. Qabel l-inawgurazzjoni, ittella' kunċert ta' mużika sagra minn artisti lokali.

## *"Tkun Magħmula r-Rieda Tiegħek" - dramm ġdid tal-Passjoni*

Dan id-dramm ġie mtella' mill-Għaqda Dilettanti Ġimgħa l-Kbira ta' Għawdex fil-Kumpless Sportiv tas-Seminarju s-Sibt 13 ta' Marzu.

## *"Via Crucis" - wirja artistika oriġinali*



Is-Sibt 20 ta' Marzu kienet inawgurata wirja ta' arti b'dan it-titlu fis-Sala tal-Wirjiet, Pjazza San Franġisk, Victoria. L-artist wara dawn ix-xogħolijiet kien Paul Stellini. It-tema, kif juri l-isem tal-wirja, kienet it-triq tas-salib ta' Sidna Ġesù Kristu.

## *Wirja bi Skop Filantropiku mill-"Eden"*

Bħal kull sena, l-Fondazzjoni Eden organizzat wirja biex tiġi megħjuna l-istess organiżżazzjoni. Il-wirja bdiet l-Ġimgħa 19 ta' Marzu u fiha wieħed seta' jammira 'il fuq minn tliet mitt biċċa ta' arti, pittura, skultura u antikitajiet. Din inżammet ġewwa post fi Triq ir-Repubblika, Victoria.



## *"Retreats and Havens" - aktar kwadri Għawdxin*

Din kienet wirja ta' xogħolijiet ta' l-artist Malti Henry Alamango. Il-wirja fetħet is-Sibt 20 ta' Marzu u nżammet fil-Banca Giuratale, Pjazza Indipendenza, Victoria. Ix-xogħolijiet esebiti kienu pitturi fejn intużaw kuluri ta' l-ilma li juru kwadri mill-ħajja Għawdxija.

## *Taqbeż in-Nofs Miljun Viżitatur*

Il-*website* tal-Ministeru għal Għawdex "*www.gozo.gov.mt*" qabżet in-nofs miljun viżitatur tul iż-żmien li ilha mwaqqfa. Id-data tal-bidu ta' din il-*website* hija l-31 ta' Jannar 2002. Illum qed iżuruha medja ta' aktar minn elf persuna kuljum. Il-*website* tagħti l-informazzjoni kollha dwar dak li għandu x'jaqsam mal-gżira Għawdxija.

## *Jum ix-Xagħra 2004*




Il-Kunsill Lokali tax-Xagħra żamm dan il-jum it-Tnejn l-1 ta' Marzu. Dakinhar saret quddiesa kkonċelebrata mill-ET Mons. Isqof Nikol G Cauchi fil-Bażilika ta' Marija Bambina. Wara sar il-ftuħ tal-wirja "Ix-Xagħra Matul iż-Żmien" u din ittellgħet fiċ-Ċirklu taż-Żgħażagħ. Il-Kunsill Lokali organizza ġimgħa ta' attivitajiet marbuta ma' dan il-jum, attivitajiet li bdew l-Erbgħa 25 ta' Frar. Saru taħditiet lit-tfal li jattendu l-iskola primarja Patri Mattew Sultana, dimostrazzjoni mill-Pulizija dwar ir-regolamenti tat-traffiku lill-istess tfal, attivitajiet sportivi u wirja mis-sezzjoni klieb tal-Korp tal-Pulizija. Il-Ħadd 29 ta' Frar saret attività kulturali fil-bidu tar-raħal fil-ħamsin anniversarju mill-inawgurazzjoni ta' Vjal it-Tmienja ta' Settembru. Tħabbru r-rebbieħa tal-Kompetizzjonijiet tat-Tpinġija "Ix-Xagħra fl-Imgħoddi" u ngħata l-premju Ġieħ ix-Xagħra lil-eks deputat Carmelo Refalo bħala apprezzament għal dak kollu li għamel għax-Xagħra.

## *Issa wkoll bit-Taljan - gwida moderna u utli għat-turisti*

L-Assoċjazzjoni tat-Turiżmu ta' Għawdex (GTA) ħarġet il-verżjoni bil-lingwa Taljana tal-ktieb "*Gozo, Island of Myth and Miracles*" li kienet ħarġet sentejn ilu bl-Ingliż. Dan il-ktieb huwa gwida għal dawk li jżuru lill-gżira tagħna.



## *L-HSBC jgħin fl-Iskola Speċjali ta' Sannat*

L-*HSBC Cares for Children Fund* xtara apparat imsejjaħ *OptiMusic* biex jintuża mit-tfal u studenti li jattendu l-*Special Unit* fl-iskola Primarja Profs. Ġuże Aquilina ta' Sannat. Din il-magna, li tiffaċilita l-ħajja tal-bniedem bi bżonnijiet speċjali, kienet offruta lil Saviour Portelli, il-Kap ta' l-Iskola Primarja ta' Sannat minn Chris Hothersall, iċ-*Chairman* ta' dan il-fond. Preżenti għaċ-ċerimonja kien hemm ukoll il-Ministru għal Għawdex l-Onor. Giovanna Debono. Din iċ-ċerimonja saret il-Ħamis 4 ta' Marzu.

## *Studenti Barranin fi proġett dwar Għawdex*



Grupp ta' ħmistax-il student, il-Ħamis 19 ta' Frar, tella' preżentazzjoni bl-isem ta' *Landscape Architecture Proposals for Gozo*. Dawn huma proposti li ħejjew dawn l-istudenti għat-tisbiħ tal-gżira tagħna bħala parti mill-kors li qed isegwu ta' *Master of Landscape Architecture* fl-Università tax-Xjenzi Applikati ta' Anhalt fil-Ġermanja. L-istudenti kienu ġejjin minn bosta pajjiżi u studjaw kif l-iżvilupp m'għandux itellef il-karattru tipiku ta' gżiritna. Dan il-proġett kien koordinat minn Mons Dr Joseph Bezzina, kap tad-Dipartiment ta' l-Istorja tal-Knisja fl-Università ta' Malta u storiku Għawdxi.



## *Workshop organizzat mill-Commonwealth*

Kien orgnizzat *workshop* internazzjonali fiċ-Ċentru ta' l-Università fix-Xewkija Għawdex fl-1, 2 u t-3 ta' Marzu. Dan ittella' mis-Segretarjat tal-*Commonwealth* bl-għajnuna ta' l-Istitut tal-Gżejjer u Stati Żgħar u d-Dipartiment ta' l-Ekonomija ta' l-Università ta' Malta. It-tema diskussa kienet l-ekonomija f'pajjiż żgħir bħal Għawdex, fejn iċ-ċokon jista' jkollu effett fuq l-attività ekonomika. Ħadu sehem kelliema minn pajjiżi diversi.

## *Żjara Taljana fl-Għarb*



Il-Kunsill Lokali ta' l-Għarb laqa' delegazzjoni mill-Komunità *Montana dell'Aniene* fl-Italja bejn it-3 u t-8 ta' Marzu. Din il-komunità tiġbor fi ħdanha wieħed u tletin kunsill lokali ġewwa *Valle dell' Aniene* fir-reġjun ta' Lazio ġewwa l-Italja. L-għan ta' din iż-żjara uffiċjali kien li jissaħħu r-relazzjonijiet mal-gżira ta' Għawdex, u dan għax il-lokalità ta' l-Għarb diġa' hija ġemellata ma' Gerano, wieħed mill-Kunsilli Lokali tal-komunità. Fost il-membri tad-delegazzjoni kien hemm il-president tal-*Comunità Montana*, Luciano Romanzi u l-President ta' l-għaqda tal-provinċji ta' Lazio, l-Onor. Guido Milana. L-inizjattiva għal dan il-proġett ħadha s-Sindku ta' l-Għarb David Apap. Matul iż-żjara, id-delegazzjoni kellha bosta laqgħat ma' diversi persuni u għaqdiet. Ġew diskussi proġetti li ser jgħinu lil Għawdex f'diversi oqsma, fosthom it-turiżmu u l-industrija.

## *"The Glint of Gold" - Musical mit-tfal tal-Qala*

L-iskola Primarja President Anton Buttigieg tal-Qala tellgħet dan il-*musical* il-Ġimgħa 12 ta' Marzu. Fil-*musical* ħadu sehem it-tfal tal-Ħames u tas-Sitt Sena. Din kienet l-ewwel darba li ttella' dan il-*musical* f'Għawdex u sar bħala parti minn Jum il-Premjazzjoni. Id-direzzjoni kienet f'idejn Gordon Grech, l-għalliem tad-drama, u Lelio Spiteri l-għalliem tas-sitt klassi fl-istess skola. Il-*musical* reġa' ttella' għat-tfal ta' Għawdex kollu t-Tlieta 16 ta' Marzu fis-sala tal-Liceo Ninu Cremona ġewwa Victoria.



## *Il-GTA f'Milan*

Bejn it-12 u s-17 ta' Frar, il-*Gozo Tourism Association* ħadet sehem fil-*BIT Milan International Fair*. Għan-nom ta' l-Assoċjazzjoni taw is-sehem tagħhom Amand Veranneman u Amabile Zammit li kienu fis-sezzjoni ddedikata lil Għawdex fl-*istand* ta' Malta. Inżammu ħafna laqgħat ma' dawk li jorganizzaw it-*tours*, aġenziji ta' l-ivvjaġġar u mal-*media*.




### *Sitt Qaddisin Ġodda għal Mejju, fosthom Omm Erojka: Gianna Molla*

Fis-16 ta' Mejju, il-Papa ser jiddikjara sitt qaddisin ġodda. Fosthom hemm Gianna Molla (1922-1962) li mietet wara li rrifjutat it-trattament għall-*cancer*, sabiex tagħti l-ħajja lit-tarbija tagħha. Hemm ukoll Nimatullah Al-Hardini (1808-188), qassis, reliġjuż ta' l-Ordni Maronit Lebaniż. L-oħrajn kienu kollha fundaturi ta' xi kongregazzjoni: Luigi Orione (1872-1940), Annibal Maria de Francia (1871-1927), José Manyanet y Vives (1833-1901) u Paola Elisabetta (1816-1865).

### *"The Passion of the Christ" - mhux antisemitiku, imma l-verità dokumentata*

Interessanti r-reazzjoni ta' l-Arċisqof John Foley, tal-Kunsill Pontifiċju għall-Komunikazzjonijiet Soċjali, għall-film *The Passion of the Christ* ta' Mel Gibson li għamel id-debut f'pajjiżna tiegħu fl-Erbgħa tar-Rmied. Foley faħħar il-film f'intervista li ta fuq *La Republica*. Qal: "Ġagħlni nimmedita fuq ir-responsabbiltà tiegħi għall-passjoni ta' Kristu". Mistoqsi jekk il-film kienx se jqajjem sentimenti antisemitiċi, kif qalu bosta kritiċi, Foley wieġeb li ma rax tendenzi bħal dawn fil-film. "L-appostli kienu Lhud; u Marija ma kienetx Lhudija?". Fl-Istati Uniti, il-konferenza ta' l-isqfijiet ħarġet diversi *statements* li ġibdu l-attenzjoni għal dokumenti dwar ir-relazzjonijiet bejn l-Insara u l-Lhud.

### *Jikkundannaw "L-Ewwel Gwerra Dinjija Afrikana"*

L-isqfijiet tal-Congo sejħu lill-Ġnus Magħquda biex jagħmlu sforz akbar ħalli jgħinu lill-pajjiż itemm il-gwerra ċivili li bdiet fl-1998. F'ittra lil Kofi Annan, l-Isqfijiet qalu li l-Afrika ma tafx bi gwerra aktar imdemmija minn din. Infatti, s'issa ħalliet tliet miljuni maqtula u miljun u nofs refuġjati. Din hi l-aktar gwerra mdemmija fl-Afrika. "Uħud jirreferu għaliha, u bir-raġun, bħala l-ewwel gwerra dinjija Afrikana għax tinvolvi mhux biss disa' pajjiżi Afrikani differenti u dawk li jissapportjawhom fil-Punent, imma għax il-gwerra taffettwa l-interessi vitali tal-kontinent kollu", qalu fl-ittra bid-data ta' l-14 ta' Frar. L-isqfijiet qalu li wasal iż-żmien li ssir konferenza internazzjonali fuq ir-reġjun ta' l-Għadajjar il-Kbar, taħt il-ħarsien tal-Ġnus Magħquda.

### *Periklu għall-Insara fl-Iraq fil-Kostituzzjoni Ġdida*

Mexxejja Kattoliċi fl-Iraq kienu mħassbin serjament dwar il-kostituzzjoni nazzjonali ġdida li tagħti privileġġi speċjali lill-Islam. L-isqof Shimon Warduni ta' Bagdad qal lil *Asia News* illi hu serjament imħasseb dwar proviżjoni fl-imsemmija kostituzzjoni li tordna li taqa' kull liġi li tidħol f'konflitt mat-tagħlim iżlamiku. L-isqof jara li l-klawsola toħloq preċedent perikoluż u li tista' tintuża għad-dannu ta' minoranzi reliġjużi oħrajn u għal-libertà tal-persuni individwali.

### *Sejħa ġdida għall-użu tal-Latin fil-knejjes u fis-Seminarju*

Hu mistenni dokument ġdid dwar l-użu tal-Latin fil-Knisja u t-tagħlim tal-Latin fis-seminarji. Il-Kardinal Zenon Grocholewski, Prefett tal-Kongregazzjoni għall-Edukazzjoni Kattolika, ikkonferma li hu jittama li d-dokument ikun ippublikat din is-sena.

### *Rabbi li sar Nisrani*

Ġiet ippublikata fl-Italja l-ħajja ta' Israel Zoller, ir-rabbi ta' Ruma fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija, li sar nisrani fl-1945. Fi *Prima dell'Alba* (Qabel is-Sebħ), Zoller qal li fil-magħmudija ħa l-isem ta' Eugenio, b'ġieħ għall-għajnuna li ta l-Papa Piju XII (Eugenio Pacelli) lil-Lhud fi żmien l-aħħar Gwerra Dinjija.

DM

David's Bakery Caterers

Il-Kwalità l-ewwel!

Tixtieq li jkollok ikla jew *party* mill-aqwa? Tixtieq li jkollok tieġ li tibqa' tiftakar? Afda fl-esperjenza ta' **David Mercieca**! ĦOBŻ - PANINI - QAGĦAQ - PIZZA - PASTIZZI - KRUSTINI - PASTI - ĦELU. Tel: 2155 5655/9000 Mobile: 9945 8131




## *Ġurnata Tipika ta' Student Universitarju*

Dan min bagħtli *sms* dalgħodu?! Ħa nara x'iridu... Tħassret il-*lecture* tas-1.00p.m.! Tant l-aħjar... Mela nista' nibqa fis-sodda sa nofs in-nhar! Veru kelli *lecture* fit-8.00 a.m., imma dik kmieni wisq għalija! Kull filgħaxija qed nittardja barra... daqqa noħorġu sa Paceville... daqqa għax immorru naraw *film*... daqqa mmorru fil-*flat* ta' sħabi... daqqa nikru xi *dvd*... u qatt ma norqod qabel is-1.00a.m. Imbagħad ħa noqgħod inqum għal-*lecture* tat-8.00 a.m.?! Biex imbagħad noqgħod nisma ħafna paroli fil-vojt! Dak kollox nirranġa x'ħin jaslu l-eżamijiet. Niddobba ftit *notes* u xi *assignment* u suq ħa mmorru!

Ħa nqum nieħu *shower*. Bilħaqq is-*shower* ilu xaharejn ma jaħdimx! Għednielu lil sid il-*flat* biex jirranġah. Kollu għalxejn. L-aqwa li nagħtuh Lm 40 fix-xahar għal dal-*flat* tal-qamel! Issa jkolli mmur għand sħabi l-Għawdxin l-oħra biex nieħu *shower*. U iva ma ngergrux, għax xbajna ndaħħlu tfajliet fil-*flat* meta mhux suppost u qatt ma qalilna xejn. Miskin sieħbi, dak in-*nerd*, li ħsiebu biss fil-kotba. Lanqas biss jażżarda jinqala' minn ġol-kantuniera tiegħu x'ħin jiġu l-ħbieb tiegħi! Kif jirnexxilu jissaportina, misteru!

Għada rrid immur l-ETC. Qaluli li jekk nibda nirreġistra jagħtuni xi ħaġa oħra tal-flus, barra mill-istipendju ta' l-*smart card*. Tgħidx kemm hawn Għawdxin bħali jagħmlu hekk! Inkella kif se tlaħħaq ma' l-ispejjeż! Mhux tal-kotba tafx. Dawk mill-anqas. Imma għal cards tal-*mobile*, għall-*bars* u l-bqija... dawk mhux kollha spejjeż? U la semmejt l-ispejjeż, irrid nara nsibx lil xi ħadd f'Paceville għandu bżonn jixtri xi *cd writer* u nħallashielu bl-*ismart card*... imbagħad jagħtihomli *cash*! L-*smart card* irrid inbattalha! Mhux b'xejn ġiet?!

Dal-*weekend* lanqas immur Għawdex. Hemm *party* tal ġenn is Sibt filgħaxija u ma rridx nitilfu. Lil ommi ngħidilha li għandi *lecture* is-Sibt filgħodu. Dik temminni. Anzi tgħidli aħjar ma toqgħod tiġi xejn id-dar biex terġa tmur il-Hadd wara nofs in-nhar! Insomma ħajja sabiħa din ta' student. Tneħħi ħmistax eżamijiet, ħajja *cool*! Sakemm ma jiġrilekx bħal seħbiti! Messha ħaddmet moħħha aktar bħal ma jagħmel kulħadd. Hekk qalli sieħbi. Dak tgħidx kemm idaħħal flus min-"negozju" li qabad. Taparsi student u għandu "*business*" li jirrendi. Kulħadd irid jesperimenta, kulħadd irid ineħħi d-dwejjaq u t-tensjoni! Qalli: "Trid toqgħod attent! Ma tridx tkun ċass!" Ieħor tagħni parir u qalli: "Ċafċaf papru, la sibt l-ilma!"

Taf x'qed naħseb...min jaf wara dal-kors nibdiex ieħor?! Ħajja bħal din fejn se nsibha?! It-toga tal-lawrija b'mod jew ieħor għad nilbisha żgur... Imma qabel it-toga hemm l-iżvoga! Jekk m'intix tifhimni, imissek taqra il-*magazine* li noħorġu...




***... leħen l-intellettwali!!!***

## *Ritratt... b'mistoqsija!*




***Din l-ewwel frotta qarsa ta' rebbiegħa ġdida għal Għawdex?! U warajha, min imiss?***

## *L-aħħar tifkiriet qabel titlaq minn Għawdex bil-helicopter*

Dan l-aħħar kien hawn Għawex koppja ħbieb tiegħi minn Scotland. Urejthom diversi postijiet ta' nteress fil-gżira tagħna u baqgħu skantati kif fiċ-ċokon tagħna aħna gżira daqshekk rikka partikularment fejn tidħol l-istorja.

Meta ġew biex jitilqu wassalthom jien sal-Heliport. Kelli bilfors neħodhom ħafna qabel il-ħin tat-tluq għax meta waslu għamlulhom emfasi biex ikunu hemm siegħa qabel. Insomma, wara li għamlu ċ-*check in* iddeċidejna li noħorġu ftit nippassiġġaw madwar il-*Heliport*. U ma kinitx passiġġata!! Ftit 'l-isfel mill-*Heliport* hemm speċi ta' fontana. Personalment, kull meta għaddejt minn hemm bil-karozza, qatt ma rajtha taħdem. Iżda dak in-nhar kont bil-mixi u stajt nittawwal fiha. Kien fiha ftit ilma fil-qiegħ u kien hemm xi affarijiet jgħumu wkoll. Le...ma kinux ħut ta' l-ilma ħelu!!!! Kienu *containers* tal-*burgers*, kaxxi tal-*pizza*,





fliexken tal-*plastic* u tal-*ħġieġ* u ma nafx kemm-il ħaġa oħra. Skużajt ruħi mal-ħbieb tiegħi u bqajna mexjin. Imma ħej, bilkemm imxejna ftit metri oħra li ma sibniex miżbla oħra, din id-darba qalb il-ħaxix u t-terrapien! Mingħalija f'dawk l-inħawi kien ikun hemm *skip*. Għax m'għadux ikun hemm? U jekk tneħħa hawn min għadu ma ndunax li tneħħa u jarmi ż-żibel ma' l-art? Imsieken il-ħbieb tiegħi b'liema togħma ħallew gżiritna! X'vetrina fina!!

## *Tickets ta' xahar ilu...*

Dil-ġimgħa rċevejt ittra rreġistrata bil-posta. Meta ftaħtha sibt taħrika mill-Gwardjani Lokali għax kważi xahar ilu qlajt minn fuq *double line* fi triq prinċipali f'Għawdex. Peress li jien ma noqgħodx inżomm noti bil-miktub tat-triqat li nkun għaddejt minnhom u ta' kemm vetturi qlajt, sibtha diffiċli niftakar jekk kienx minnu jew le dak li qaluli li għamilt kważi xahar ilu. Iddeċidejt għalhekk li nċempel l-uffiċċju tal-Gwardjani Lokali fir-Rabat biex nieħu l-opinjoni tagħhom dwar din il-ħaġa. Timmaġinaw x'kienet ir-risposta??!! Qaluli: Itla' l-qorti u lill-Kummissarju għidlu li int ma tiftakarx jekk hux minnu jew le. Ara jien hux ser noqgħod nitla' l-qorti biex ngħid li ma niftakarx!!! Min jaf kemm jidħku dawk preżenti kieku!!! Ara l-kummissarju hux sejjer ma jemminx lill-Gwardjan Lokali biex jemmen lili!! Aktar u aktar jekk ngħidlu li minn dik it-triq ilni ma ngħaddi xi tliet xhur, jew li isem it-triq hu ħażin!!

Veru li l-posta ma tantx hija effiċjenti, imma naħseb setgħu jibgħatuli ċitazzjoni ġurnata jew jumejn wara, mhux taħrika wara li għaddew aktar minn tlett ġimgħat!!!!

## *Sinjali u tabelli f'posthom u f'waqthom, please!*

Dan l-aħħar saru xogħlijiet fit-Triq l-Imġarr bejn ix-Xewkija u r-Rabat. Minħabba f'hekk parti minn din it-triq kellha tingħalaq għal ħinijiet twal. S'hawn xejn ħażin, xejn gravi. Iżda ngħid jien, ma setax sar avviż fejn it-*traffic lights* li t-triq għar-Rabat hija magħluqa? Kieku sar hekk kull min kien ikun sejjer ir-Rabat kien jipprova jgħaddi minn triqat oħra. Iżda ġara li ħafna nies kellhom jaslu ħdejn il-magna tal-ħalib biex jindunaw li ma setgħux ikomplu sejrin lejn ir-Rabat u kellhom bħall-ħmir iduru lura minn fejn ġew!!! Meta se nibdew inkunu ftit aktar professjonali???!!!

L-INTERVISTA

# "Ninbnew f'Tempju Qaddis"

## Pastorali, Liturġija u Festi fin-Nadur



**Dun Eddie Zammit jintervista lill-Arċipriet Mons. Salvu Muscat, dwar Festi Ċentinarji li qegħdin jiġu ċċelebrati fil-Parroċċa tan-Nadur**

***Arċipriet, qegħdin niċċelebraw it-tifkira tal-mewt u l-qawmien ta' Kristu. Huwa żmien ta' ħidma fil-kamp liturġiku u pastorali. Kif tħares lejhom dawn il-mumenti bħala ragħaj spiritwali tal-parroċċa tan-Nadur?***

Bħalma ħafna diġà jafu, din is-sena fil-parroċċa qegħdin niċċelebraw festi ċentinarji fl-okkażjoni tal-mitejn sena mit-tberik tat-tempju parrokkjali illum Bażilika u Kolleġġjata. Il-motto li għażilna bħala programm ta' dawn il-festi hu: "**Naqdu 'l Kristu sabiex ninbnew f'tempju qaddis t'Alla**". Kull żmien hu mument opportun biex din il-binja tkompli tikber fina. Imma ż-żmien li qegħdin ngħixu fih, jiġifieri ż-żmien tar-Randan u l-Għid jagħti iktar urġenza lil dan l-impenn. Bħalissa, biex ngħinu f'din il-binja spiritwali, fil-parroċċa għaddejjin bħal f'parroċċi oħra bl-Eżerċizzi tar-Randan għal kull kategorija, adulti, nisa, irġiel, koppji, u żgħażagħ. Dawn isiru kemm fil-knisja, fis-sala parrokkjali, kif ukoll oħrajn organizzati fil-każin tal-banda tal-lokal. Minkejja li l-attendenza naqset xi ftit meta mqabbla ma żminijiet l-imgħoddija, xorta waħda għadha numeruża. L-insara tagħna għadhom iħarsu lejn dawn il-mumenti bħala mumenti ta' riflessjoni u tiġdid spiritwali li jgħinhom jiskopru r-rabta ma' Kristu u t-tagħlim tiegħu, kif tħarsu u xxandru l-Knisja. Aħna tassew "Knisja" meta marbutin ma' Kristu u fi Kristu.

Minbarra il-predikazzjoni tal-Eżerċizzi, matul dan iż-żmien kellna ukoll laqgħat mal-ġenituri tat-tfal li ser jirċievu l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma tal-Isqof.



***Kif tħares lejn l-Eżerċizzi tar-Randan? Taħseb li għadhom attwali u mezz effikaċi ta' Evanġelizzazzjoni?***

Kif Diġa għidt, minkejja li kultant tara ftit flessjoni fl-attendenza, jien nħoss li għall-parti l-kbira tal-insara tagħna għadhom mumenti qawwija ta' tiġdid spiritwali. L-insara tagħna għadhom jistennew dawn il-mumenti mhux biss bħala tħejjija għaċ-ċelebrazzjoni tal-mewt u l-qawmien tal-Mulej, imma ukoll bħala okkażjoni annwali ta' meditazzjoni ftit fit-tul dwar l-istat spiritwali tagħna bħala nsara u dixxipli tal-Mulej. Għal ħafna għadhom mument ta' konverżjoni, ta' laqgħa mill-ġdid mal-persuna ta' Kristu, u fil-kas tal-parroċċa tagħna matul din is-sena, tat-tkomplija tal-binja tagħna f'tempju qaddis.

***X'hemm partikulari fil-programm liturġiku biex in-nies jidħlu iktar fl-ispirtu tar-Randan?***

Iż-żmien liturġiku tar-Randan huwa żmien qawwi fejn in-nisrani huwa imsejjaħ biex jisma iktar bil-qalb il-kelma ta' konverżjoni li Alla dejjem jixtieq iwassal lill-bniedem. Il-Knisja fil-liturġija tagħha tal-Kelma, tagħti importantza kbira fl-għażliet tal-qari biex din is-sejħa ta' konverżjoni tidher fl-aqwa tagħha. F'dan l-ispirtu fil-parroċċa din is-sena xtaqna nkomplu nenfasizzaw ix-xewqa tal-Knisja billi f'kull quddiesa tal-ħin li titqaddes fil-Knisja tagħna, kull saċerdot jagħmel ħsieb f'forma ta' omelija qasira biex l-insara jagħrfu aħjar il-messaġġ u jaċċettawh f'qalbhom.

***Apparti l-aspett liturġiku. Ir-Randan hu żmien ta' ċaħda mill-kumditajiet u riċerka ta' iktar solidarjetà u mħabba tal-proxxmu. Kemm iħossuh il-parruċċani tiegħek dan l-aspett?***



Għall-grazzja t'Alla dan l-aspett ta' solidarjetà nisranija huwa ħafna qawwi fil-parroċċa tagħna. Fil-parroċċa tagħna il-karità nisranija l-aktar fejn għandha x'taqsam l-għajnuna fil-ħidma tal-Knisja, kemm dik lokali kif ukoll dik universali, huwa ħafna preżenti. Huma diversi dawk il-missjunarji kemm mill-parroċċa tagħna kif ukoll missjunarji oħra li jirċievu sapport kontinwu ta' kull xorta. Fiż-żmien tar-Randan l-għajnuna tagħna nindirizzawha l-iktar lejn il-ħtiġijiet tas-Seminarju t'Għawdex fil-ġbir li nagħmlu waqt il-quddies ta' wieħed mill-Ħdud tar-Randan, kif ukoll fil-ġabra ta' oġġetti tal-ikel u oġġetti utli oħra għal ħajja ta' kuljum għall-Istituti u persuni fil-bżonn. Barra minn hekk jinġabru ukoll offerti ta' flus li l-insara f'dawn iż-żmien iwarrbu bħala frott ta' ċaħda u sagrifiċċju.

***Fil-parroċċa tagħkom torganizzaw ukoll żewġ purċissjonijiet marbuta ma' dawn il-festi; dik tal-Ġimgħa l-Kbira kif ukoll dik tal-Irxoxt. Kif iħarsu lejhom l-insara tagħna b'mod partikulari ż-żgħażagħ tal-parroċċa?***

Dawn il-mumenti, barra mill-aspett storiku u folkloristiku, għandhom ukoll aspett spiritwali tagħhom. Nixtieq ngħid li qabel dawn iż-żewġ purċissjonijiet hemm ukoll żewġ ċelebrazzjonijiet liturġiċi mportanti. Dik tal-Adorazzjoni tas-Salib fil-Ġimgħa l-Kbira, u l-Velja tal-Għid fis-Sibt Qaddis. Għal dawn il-mumenti jkollna parteċipazzjoni qawwija ta' insara. Il-purċissjoni bl-immaġni li jinġarru fiha, bħalma huma l-istatwi tal-passjoni jew tal-Irxoxt, jgħinuna biex nidħlu iktar fl-ispirtu ta' dak li nkunu qegħdin niċċelebraw. Jien nammira ħafna liż-żgħażagħ li jkunu jixtiequ jieħdu sehem attiv f'dawn il-purċissjonijiet u nara f'din il-parteċipazzjoni xewqa kbira ta' iktar intimità ma' Kristu u mal-misteru tal-mewt ul-qawmien tiegħu.



*Il-knisja tan-Nadur fl-1894*

***Marbuta mal-festi tal-Għid hemm ukoll it-tberik tal-familji. Kif tħares lejh dan il-mument?***

It-tberik isir fil-ġranet ta' wara l-Għid. Il-parti l-kbira tal-familji tagħna ikunu jistennewhom dawn il-mumenti. Iktar mit-tberik tal-familja nippruvaw nagħmlu minn dawn il-mumenti żjajjar ta' ħbiberija li fihom ukoll nippruvaw nisimgħu ftit il-problemi li l-insara jkunu għaddejjin minnhom u nippruvaw infarġuhom bis-sapport tagħna. Għalkemm iż-żmien huwa ftit limitat, aħna qegħdin nippruvaw li nagħmlu żjajjar iktar fit-tul fil-familji tal-parroċċa tagħna. Infatti din l-inizjattiva li qegħdin nagħmlu bħala parti mill-programm tal-festi ċentinarji fi ħsiebna nkompluha ukoll fis-snin li ġejjin, għax sibniha ħafna utli mill-aspett pastorali.

### *Lura għall-Festi Ċentinarji. Xi skop tara f'dawn il-festi?*



Dawn il-festi qegħdin niċċelebrawhom fil-parroċċa tagħna f'għeluq il-200 sena mindu l-Knisja Parrokkjali tagħna ġiet imbierka mill-Kappillan Dun Franġisk Sapiano fl-24 ta' Ġunju tas-sena 1804. Biex niċċelebraw din il-ġrajja l-Parroċċa ħasbet biex twaqqaf żewġ kumitati sabiex iħejju programm xieraq. Kif għidt fit-tħabbira ta' dawn il-festi, l-iskop ewlieni huwa t-tiġdid spiritwali ta' kull membru tal-Parroċċa , u għalhekk waqt li l-parroċċa hija mpenjata fit-twettiq tal-Pjan Pastorali Kwinkwennali tad-Djoċesi, ħasbet ukoll biex dan il-programm ikun imsejjes fuq tlett dimensjonijiet pastorali tal-komunità nisranija: il-Ministeru tal-Kelma, il-Liturġija, u d-Djakonija, jiġifieri qadi mat-tfal, adoloxxenti, żgħażagħ, anzjani u morda. Hemm il-ħsieb li ninvolvu lil dawn il-kategoriji kollha. Qegħdin nagħfsu ħafna fuq l-aspett spiritwali. Waħda mill-inizjattivi li ħadna u sibna ħafna sapport fiha kienet l-istedina biex l-insara tagħna jieħdu proponiment li jgħaddu tal-anqas 10 minuti ta' talb quddiem Ġesù Sagramentat.



### *Naturalment fil-programm barra mill-aspett spiritwali għandkom ukoll aspetti kulturali u soċjali.*

Mill-aspett kulturali fi ħsiebna norganizzaw Akkademja Mużikali, Dramm Mużikali dwar il-ħajja tal-patruni tagħna miktub mill-Isqof Cauchi, Kunċert Mużikali mill-Banda Mnarja, Quiz għat-Tfal u Żgħażagħ, kif ukoll attivitajiet organizzati mill-Kunsill Lokali bħalma huma l-Wirja Agrarja u attivitajiet oħra. Nittama li kollox jgħin biex ninbnew fi bnedmin sħaħ fl-iskoperta tal-valuri tal-Vanġelu li jappella għall-bniedem ta' kull żmien u ta' kullimkien.

Mill-Monasteru ta' Santa Klara

Minn Sr. Marie Carmel Saliba

# Il-Klarissi fil-Ġimgħa Mqaddsa



**Mhux l-ewwel darba li jistaqsu lilna, is-sorijiet, "X'toqgħodu tagħmlu hemm ġew?" U mhux l-ewwel darba li niktbu artikli fuq ġurnali jew rivisti dwar dan. Però, il-Ġimgħa Mqaddsa u b'mod partikulari t-Tlett Ijiem Imqaddsa ta' l-Għid huma speċjali fis-sena, kemm għal kull nisrani kif ukoll għalina s-Sorijiet Klarissi ta' San Ġiljan, kif jafna kulħadd..**

**Nixtieq naqsam mal-qarrejja ta' "Il-Ħajja f'Għawdex" x'isir wara l-ħitan tal-klawsura tagħna f'dawn il-jiem għeżież. B'hekk naqsam esperjenza spiritwali ma' ħuti għawdxin.**

**Minbarra ċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi li jsiru f'kull parroċċa, fil-monasteru tagħna għandna xi użanzi oħrajn marbutin ma' dawn il-ġranet. Minn sena għal sena nistennew bil-ħerqa ċ-ċerimonji tradizzjonali monastiċi li jsiru għax jgħinuna nidħlu fl-ispirtu tal-akbar ġrajjiet ta' l-istorja, il-ġrajjiet tal-Fidwa tagħna minn Sidna Ġesù Kristu.**

## *Ħadd il-Palm*

Ta' kull sena f'Ħadd il-Palm fil-għaxija, waqt il-kompieta (l-aħħar talba liturġika tal-ġurnata), aħna s-Sorijiet Klarissi nagħmlu ċerimonja ħelwa biex infakkru l-pass deċisiv u kuraġġuż li ħadet l-Omm tagħna Santa Klara meta fit-28 ta' Marzu tas-sena 1211 fil-lejl ta' Ħadd il-Palm ħarbet mid-dar u marret fil-Kappella ta' Santa Marija ta' l-Anġli (il-Porzjunkola) biex hemm, f'idejn Franġisku mdawwar minn sħabu, tikkonsagra ruħha lil Alla. Waqt kant li jfakkar din il-ġrajja nidħlu proċessjonalment fil-kor, li jkun apposta fid-dlam, b'xemgħa f'idejna, u hemm inġeddu l-wegħdiet tagħna lil Alla.

## *Ħamis ix-Xirka*

F'Ħamis ix-Xirka, kmieni wara nofsinhar, qabel iċ-ċelebrazzjoni solenni ta' l-Ikla tal-Mulej, il-komunità tinġabar għall-"*Mandatum*", funzjoni simbolika u mimlija tifsir għall-fraternità. Is-sorijiet jiltaqgħu fil-kor (il-kappella privata tas-sorijiet) u jimxu bil-kant f'purċissjoni tul il-kjostru lejn is-sala tal-komunità. Hemmhekk joqgħodu bil-qiegħda madwar mejda mħejjija apposta b'simboli marbuta ma' l-Aħħar Ċena ta' Ġesù.

Fuq il-mejda insibu wkoll qagħqa tal-ħobż imqatta f'biċċiet, waħda għal kull soru, flixkun inbid u sjuna b'zalza ħamra morra u oħra bil-melħ. Il-mejda tiddawwal b'kandelabru b'seba' xemgħat u tiżżejjen b'għenieqed ta' għeneb u żbul, frott ieħor u weraq tad-dielja.

Il-laqgħa flimkien tibda bil-qari tal-passaġġ mill-Vanġelu skond San Ġwann, tal-Ħasil tar-Riġlejn ta' l-Appostli minn Ġesù fl-Aħħar Ċena. Imbagħad b'ġest simboliku, il-Madre Badessa taħsel riġlejn tnax-il soru. X'ħin tasal is-soru li tirrappreżenta lil Pietru, jsir djalogu bejnha u bejn il-Madre, li għandha l-post ta' Ġesù. Wara l-Madre tagħmel eżortazzjoni dwar il-ġest tant umli tas-Sid ta' kollox u l-imħabba bla tarf tiegħu u tħeġġeġ lilna s-sorijiet biex bħal Ġesù naqdu lil xulxin b'umiltà, imħabba u ħlewwa.

Imbagħad bħala sinjal ta' komunjoni ta' mħabba, kull soru tiekol biċċa ħobż li tkun billet ġo tazza bl-inbid li ngħaddu lil xulxin.Nispiċċaw din il-laqgħa fraterna tassew impressjonanti billi l-Madre f'isem Ġesù tagħti l-bewsa tal-paċi lil kull soru, simbolu tat-tluq tiegħu qabel daħal għall-passjoni u l-mewt fuq is-Salib.

Wara l-Quddiesa Solenni ta' l-Ikla tal-Mulej, li ssir fil-kappella bis-sehem tal-pubbliku, id-daqq tal-qanpiena li soltu jsejjaħ lis-sorijiet għall-atti komuni jieqaf. Minflok il-qanpiena tintuża ċuklajta. Id-daqq ferrieħi tal-qanpiena jerġa jinstema' waqt il-glorja tal-Vġili ta' Sibt il-Għid. It-talb ta' devozzjoni bħal l-*Angelus*, ir-Rużarju jew il-kurunella tad-Duluri, li soltu ngħidu flimkien f'ċerti ħinijiet, f'dawn il-ġranet isir b'mod privat. Anke t-talba ta' qabel u wara l-ikel ma ngħiduhiex flimkien. Minflok, wara pawsa ta' skiet biex kull soru titlob f'qalbha t-talba tas-soltu, inkantaw flimkien l-antifona:

*"**Minħabba fina Kristu bata sal-mewt, anzi sal-mewt tas-Salib**".*

L-innijiet u s-salmi waqt il-Liturġija tas-Sigħat nibqgħu nkantawhom flimkien. Hija użanza li f'Ħamis ix-Xirka nagħlqu l-Kumpieta bil-kant ta' *Stabat Mater* quddiem l-Artal tar-Riposizzjoni, u matul il-lejl issir adorazzjoni mill-inqas minn żewġ sorijiet li jinbidlu kull siegħa.

## *Il-Ġimgħa l-Kbira*

Nhar il-Ġimgħa l-Kbira, bħalma nagħmlu f'Ħamis ix-Xirka u f'Sibt il-Għid, nibdew il-ġurnata bil-kant ta' l-Uffiċċju tal-Qari, ħin ta' talb fis-skiet u l-kant tat-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum. Imbagħad fit-8.15a.m. is-sorijiet jinġabru fis-sala tal-komunità biex flimkien jimmeditaw u jikkontemplaw il-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu. Fi tmiem din il-laqgħa annwali, il-Madre titlob maħfra lill-komunità għan-nuqqasijiet tagħha u s-sorijiet jitolbu maħfra lill-Madre u lil xulxin tan-nuqqasijiet tagħhom. Imbgħad b'sinjal ta' maħfra u radd ta' ħajr għas-servizzi li nirċievu mingħand xilxin, kull soru tagħti bewsa lill-Madre u lil kull waħda mis-sorijiet filwaqt li ngħidu lil xulxin "Aħfirli u grazzi".

Għall-kumplament ta' l-għodwa tal-Ġimgħa l-Kbira, titkompla b'mod individwali l-adorazzjoni tas-Sagrament Imqaddes. Għalina s-Sorijiet Klarissi, din l-adorazzjoni tieħu post il-Viżti tas-Seba' Knejjes.

Fis-2.30p.m. issir *Via Sagra* mal-pubbliku miġbur fil-kappella għaċ-ċelebrazzjoni solenni tal-Passjoni tal-Mulej. Wara din iċ-ċelebrazzjoni, is-sorijiet jibqgħu miġbura fis-skiet u fit-talb. Hemm min joqgħod fil-kor, li f'dawn il-jiem ikun imċaħħad mill-preżenza reali ta' Ġesù, u hemm min jippreferi jitlob fis-sala tal-kapitlu quddiem Kurċifiss kbir u fejn ukoll f'dawn it-tlett ijiem imqaddsa tinżamm ir-riserva ta' l-Ewkaristija.

## *Sibt il-Għid*

Sibt il-Għid ngħadduh fis-skiet u fit-talb f'għaqda ma' Marija Addolorata. Imma ma' l-Għasar tas-Sibt jibda diġa' jfeġġ id-dawl tal-Qawmien li jilħaq il-milja tiegħu fiċ-Ċelebrazzjoni tal-Liturġija tal-Vġili tal-Għid bid-daqq tal-qniepen waqt il-glorja u bil-kant ferrieħi waqt il-quddiesa.

## *Ħadd il-Għid*

F'Ħadd il-Għid inqumu bil-kant ferrieħi tar-*Regina Coeli*:

*"**Sultana tas-Sema, ifraħ: Hallelujah**".*

Il-ferħ jissokta waqt it-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u fiż-żewġ quddisiet li jkollna fit-8a.m u fil-11a.m. Bejn il-quddies, naduraw lil Ġesù ħaj, mill-ġdid preżenti fit-Tabernaklu tal-kor, issa mill-ġdid imżejjen bi fjuri sbieħ u bil-blandun ta' l-Għid, simbolu ta' Kristu Rxuxtat.

Lil Ġesù nfaħħruh u nadurawh u nirringrazzjawh għall-għemil tal-Fidwa Tiegħu u nitolbuh biex mill-Qalb minfuda tiegħu jkompli jxerred bil-kotra, mħabba, ħniena divina, fejqan u barkiet fuq il-bnedmin kollha.

Il-Qawmien ta' Ġesù mill-mewt niċċelebrawħ fil-liturġija għall-ġimgħa sħiħa f'dik li jgħidulha l-Ottava ta' l-Għid. F'dawn il-ġranet ma ssir l-ebda festa oħra u b'ferħ kbir ma nieqfux inkantaw l-*Hallelujah* għax Sidna Ġesù huwa ħaj.


CEFAI
FORMAL WEAR



Servizz ta' kiri ta' kulma teħtieġ għall-Magħmudija, l-Ewwel Tqarbina, Griżma, Żwieġ, Funerali, u għal kull okkażjoni oħra.

* *Suits* ta' l-irġiel u tat-tfal
* Żraben tal-irġiel u tat-tfal
* Żraben bojod għall-Preċett
* Kpiepel tan-nisa
* u l-aċċessorji li jkollok bżonn għall-okkażjoni speċjali tiegħek

Aħseb kmieni!

**81, Triq San Bert, Xewkija** **Tel:2155 0372**

# QABAR VOJT

## *Meditazzjoni Biblika għal Żmien il-Għid minn Verla A. Mooth*

**Meħuda mill-ktieb ġdid "Ngħixu fil-Mulej" ta' Dun Anton Sultana, Lumen Christi Publications 2003, paġni 99-101. Traduzzjoni għall-Malti minn Josette Vassallo**



**Qabar vojt, ftit jiem biss wara d-difna ta' xi ħadd, fetaħ paġna ġdida fl-istorja ta' l-umanità. Huwa l-uniku qabar li fuqu ma twaħħlux monument jew irħama b'xi skrizzjoni ta' tifkira: jew li fuqu ġew jixhru u jitolbu xi erwieħ għeżież li baqgħu jħossu t-telfa tagħhom, sena wara l-oħra. Huwa l-uniku qabar li fuqu ma nkitbux u ma ntqalux il-kelmiet: "Jistrieħ fil-paċi!". Għall-kuntrarju, dan huwa l-qabar li minnu ħareġ rebbieħ dak li kien miet fuq salib; qabar li nfetaħ b'qawwa straordinarja u minnu ħarġet il-fwieħa tal-glorja, flok l-intiena tat-taħsir; qabar li ħabbar avveniment uniku: Irxoxta! M'għadux hawn!**

Dan huwa l-qabar li mhux biss jirrifletti l-kelmiet ta' l-aħħar nifs ta' min miet u ndifen fih, "Kollox mitmum!", imma wkoll it-tnissil ta' ġenerazzjoni ġdida ta' bnedmin li tagħraf b'Mulej lil min ħareġ minnu rebbieħ. Fi ftit kliem, dan huwa l-qabar vojt li ħalla Ġesù ta' Nazaret, qabar li jħares lura lejn il-Kalvarju tal-Fidwa, u qabar li jħares 'il quddiem lejn Saltna ġdida mwielda f'Pentekoste. Dan huwa l-qabar ta' dak li fuq salib għajjat b'leħen qawwi: "Missier, f'idejk jien nerħi ruħi" (Lq 23:46), biex fi ftit jiem wara jidher glorjuż lid-dixxipli u jgħidilhom: "Ħudu l-Ispirtu s-Santu" (Ġw 20:22)!

Kellu raġun Pietru jiftaħar u jgħajjat nhar Għid il-Ħamsin: "Lil dan Ġesù, Alla qajmu mill-imwiet, u ta' dan aħna lkoll xhieda!... Lil dan Ġesù, li intom sallabtuh, Alla għamlu Mulej u Messija" (Atti 2:32-36).

### *Preludju għal-Pentekoste*

San Pietru jistqarr li l-Pentekoste huwa r-rigal ta' Ġesù Rxoxt: "Issa li Alla għollieh bil-leminija tiegħu, huwa rċieva mingħand il-Missier l-Ispirtu s-Santu li kien imwiegħed, u sawbu fuqna, kif qegħdin taraw u tisimgħu" (Atti 2:33). Dan ir-rigal ta' Kristu Rxoxt lill-Knisja tiegħu huwa "avukat" ħaj, li wettaq il-wegħda magħmula qabel il-ġrajja tal-fidwa: "Jaqbillkom li jiena mmur; għaliex, jekk ma mmurx, id-Difensur ma jiġix għandkom; imma jekk immur, nibgħatulkom" (Ġw 16:7).

Il-ħajja glorjuża ta' Kristu Rxoxt hija tagħna permezz tal-qawwa ta' l-Ispirtu li ssawbet fuqna f'Għid il-Ħamsin. U għalhekk Ġesù "sar rahan ta' rabta aħjar", u bis-saċerdozju qaddis u dejjiemi tiegħu "jista' jsalva għal kollox 'il dawk li bih jersqu lejn Alla, ladarba hu jibqa' għal dejjem ħaj biex jidħol għalihom" (Lhud 7:22-25). Fi kliem ieħor, il-qawwa ta' Kristu Rxoxt mhix xi ħaġa storika u straordinarja biss, imma hija qawwa attwali u santifikanti għal dawk kollha li twieldu "bl-ilma u bl-Ispirtu" minn Pentekoste 'l hawn.

L-appostlu San Pawl ta' spiss juża l-kelmiet "midfunin ma' Kristu" u "rxuxtati ma' Kristu" fl-ittri tiegħu. B'din l-analoġija spiritwali huwa jipprova jurina li l-imħabba ta' Alla tiġi pperfezzjonata fina bil-qawwa u l-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu, li jgħix ġo fina. Il-mewt tagħna nfusna mhix dik li tqiegħdna ġo tebut, imma l-mewt għall-qawwiet tal-ħażen fina u madwarna. "Hu li miet, miet darba għal dejjem għad-dnub; u issa li qiegħed jgħix, qiegħed jgħix għal Alla.



u lanqas tista' tgawdieh għal dejjem. U għalhekk l-Appostlu Pawlu wasal biex stqarr:

(1) "Jiena ngħodd kollox bħala telf ħdejn il-qligħ kbir li hemm filli nagħraf lil Kristu Ġesù Sidi; minħabba fih ridt li nitlef kollox, u ngħodd kollox bħala knis, biex nirbaħ lil Kristu, u nkun ninsab fih" (Fil 3:8-9).

(2) "Għax għalija l-ħajja hija Kristu, u l-mewt hija rebħ. Jekk għandi nibqa' ħaj fil-ġisem, dan ifisser li għandi nagħti l-frott tax-xogħol tiegħi..." (Fil 1:21-22).

(3) "Issallabt ma' Kristu. Ngħix, imma

Hekk ukoll intom għandkom tqisu lilkom infuskom mejtin għad-dnub, iżda ħajjin għal Alla fi Kristu Ġesù. Tħallux, mela, li d-dnub isaltan fuq dan il-ġisem tagħkom li jmut u toqogħdu għall-ġibdiet tiegħu..." (Rum 6:6-13).

In-nisrani li jgħix bl-Ispirtu ta' Kristu l-Mulej huwa konvint li l-vera tifsira tal-ħajja, il-ħajja "fil-milja tagħha" kif irid jagħtihielna Kristu, ma tiġix mill-għana, mill-kumditajiet, mill-pjaċiri, jew mill-ġhomor twil. Dawn huma karatteristiċi ta' ħajja skond l-ispirtu tad-dinja materjalista u profana, li tixtieq tagħmel "ġenna" minn dak li la jimla l-qalb

mhux iżjed jien, iżda jgħix fija Kristu. Il-ħajja li issa ngħix fil-ġisem qiegħed ngħixha bil-fidi fl-Iben ta' Alla, li ħabbni u ta lilu nnifsu għalija" (Gal 2:20).

Dan huwa l-ispirtu ta' Kristu Mejjet u Rxuxtat fil-ħajja ta' nisrani veru. Dan huwa l-Ispirtu ta' Pentekoste li "jġedded l-art" billi jibdel il-moħħ u l-qalb għall-viżjoni tal-verità tal-Vanġelu, u jagħmel mill-bnedmin "ħolqien ġdid". Dan huwa l-programm ta' kull min tassew twieled bl-ilma u bl-Ispirtu biex jgħix, jikber u jissawwar fi Kristu l-Mulej!


"LUMEN CHRISTI"

*L-isem magħruf minn kulħadd għal:*

- Bookshop
- Publications
- "Il-Ħajja f'Għawdex"
- Recording Studios
- Programmi fuq l-RTK
- "L-Almanakk Għawdxi"

*Għas-servizz ta' l-Għawdxin!*

Triq Fortunato Mizzi, Victoria VCT111.
Tel. 2156 0496/7 Fax: 2156 1860

# "FUNCTUS OPERE"

VERSI RIFLESSIVI



Lill-E.T. Mons. Nikol Ġużeppi Cauchi
fi tmiem l-Episkopat tiegħu bħala
Ragħaj Spiritwali tad-Djoċesi Għawdxija

*Missier maħbub tad-Djoċesi Għawdxija,*
*wasal iż-żmien li ttemm il-ġrajja tiegħek*
*li kisret sew il-ħamsa w tletin sena*
*fejn Alla ħabbek sħiħ u waqaf miegħek.*

*Iltqajna t-tnejn flimkien għall-ewwel darba*
*bl-ebda ħsieb ta' xejn fuq ix-xandir:*
*għallimtni x'għandi ngħid u x'għandi nagħmel*
*dan Alla ried u xtaq li kellu jsir.*

*U darba jien ukoll temmejt il-ġrajja*
*li kienet lili daħħlet f'ħolm l-imħabba;*
*u bħal ta' Pawlu nqalbet ħajti rżina*
*biex mixja oħra bdejt fejn ruħ titrabba.*

*Ilqajtni b'ferħ mhux żgħir f'dirgħajk maħbuba,*
*u tlaqna ma' xulxin il-mixja twila,*
*fejn jien intlaqt f'idejk ħa' t-triq turini*
*u tnissel fija ferħ, tħabrik u ħila.*

*Għadni, Missier, inħoss l-għafsa fuq rasi*
*ta' idejk ħanina f'jum l-Ordinazzjoni:*
*minn dak il-waqt ġie fuqi Ruħ il-Qodos*
*biex joħloq fija spirtu w devozzjoni.*

*Minn dak inhar għaddiet kemm-il Rebbiegħa*
*u ħidmna t-tnejn fl-imħabba ta' xulxin:*
*ma lumna ħadd għax sfajna nterrqu b'għaqal*
*fid-dawl jiddi bil-ġmiel t'Alla l-ħanin.*



*Min jaf, Missier, matul il-grajja tiegħek,*
*kemm fraħt u bkejt, thennejt u batejt sħiħ?*
*Min jaf kemm ħabbtet qalbek f'jiem sewdiena*
*u nfniet ukoll fl-iljieli mill-uġigħ!*

*Bħal Kristu tlajt it-telgħa tal-Kalvarju*
*magħkus bit-toqol kiefer tas-Salib;*
*għaliex ġagħluh, sibt darba lil min jgħinek*
*iġġorru ftit b'imħabba ta' ħabib.*

*Jekk inti tħares lura fuq dil-medda*
*ta' snin imtawla, mħallta bid-dulur,*
*issib li dmirek qdejt sabiex għand Alla*
*b'idejk mgħobbija b'ħidma fejnu tmur.*

*Jekk darba titla' l-Għolja tal-Kalvarju*
*tkun tista' tisma' l-għajta tas-Sinjur:*
*"Kollox mitmum!" Hu jgħid u inti miegħu*
*u tistrieħ dlonk u qalbek bl-hena tfur.*

*Berikni, Missier twajjeb, qabel titlaq,*
*biex "Fortiter et Suaviter" mingħajr tmiem*
*bil-qawwa tibqa' tidwi ma' dil-gżira,*
*biex niftakruha llum, kemm 'l quddiem.*

*It-tifkiriet ħelwin tal-jiem mgħoddija*
*ma jħassar ħadd kemm ħajti ttul u ddum:*
*bħalek nixtieq intemm il-ġrajja tiegħi,*
*u bħalek irrid ngħid: "Kollox Mitmum!"*

02/03/04

**Kan. Joe Mejlak**

## Il-Messaġġ tal-Papa Ġwanni Pawlu II għall-Jum Mondjali taż-Żgħażagħ 2004

# "NIXTIEQU NARAW LIL ĠESÙ"...

### *BIEX NARAW LIL ĠESÙ, JEĦTIEĠ LI NĦALLUH IĦARES LEJNA.*

Għeżież żgħażagħ, irridkom tixbħu li dawk il-Griegi li tkellmu ma' Filippu li riedu jaraw lil Ġesù.

San Mark wkoll jirrakkontalna li kien hemm żagħżugħ għani li mar ifittex lil Ġesù. San Mark jgħid ċar: "ĠESU` XEHET ĦARSA TA' MĦABBA FUQU u qallu... (Mark 10.21)

♦ Biex naraw lil Ġesù, jeħtieġ li nħalluh jiġbed ħarstu fuqna.

♦ Ħallu lil Ġesù iħares f'għajnejkom, biex tikber fikom ix-xewqa li taraw id-Dawl u d-Dija tal-Verità.

♦ Alla ħalaqna għax iħobbna, biex aħna wkoll inħobbuħ. Din hi r-raġuni għala nħossu dik in-nostalġija u x-xewqa li rridu naraw lil Alla.

"JIEN WIĊĊEK INFITTEX, MULEJ, LA TAĦBIX WIĊĊEK MINNI". Salm27. 8,9

### *FITTXU LIL KRISTU B'KULL MEZZ*

Biex tikkontemplaw is-sbuħija ta' Wiċċu

♦ Oħolqu spazju ta' skiet fikom nfuskom. Ħallu din ix-xewqa li tridu taraw l-Alla tfawwar fikom. U tħallux li din ix-xewqa tiġi fgata mid-distrazzjonijiet, mill-frugħat u mill-pjaċiri tad-dinja.

♦ Agħmlu ħilitkom li tiltaqgħu ma' Ġesù. Il-Kristjaneżmu mhux sempliċiment duttrina, iżda laqgħa m'Alla li daħal fl-istorja bl-Inkarnazzjoni ta' Ibnu. Fittxu lil Ġesù, li b'imħabba kbira qed ifittixkom. Fittxuh bil-għajnejn tal-ġisem fil-ġrajjiet u fl-uċuħ ta' ħutkom il-bnedmin.

U bil-għajnejn tar-ruħ fit-talb u fil-meditazzjoni tal-Kelma t'Alla.




### *TĦALLU XEJN IFIXKILKOM MILLI TFITTXU LIL ĠESÙ*

Din ix-xewqa li naraw lil Ġesù ġieli tiġi mfixkla bid-dnub.

♦ Sfortunatament ġie li nwarrbu ħarsitna mill-Ħallieq u nitfgħu ħarsitna fuq il-ħlejjaq.

♦ Dawk il-Griegi tal-Vanġelu ħadu deċiżjoni ċara;- "IRRIDU NARAW LIL ĠESÙ".

Aħna wkoll, hemm bżonn li jkollna l-kuraġġ li kellhom huma.

♦ Xejn ma jista jissodisfa x-xewqa tagħna ħlief il-laqgħa tagħna ma' Ġesù. Hi biss tista tagħti tifsira sħiħa lil ħajjitna. "Int ħlaqtna għalik u qalbna ma ssibx kwiet jekk ma tistrieħx Fik. (San Wistin)

Tħallu l-ebda distrazzjoni ttellifkom tippersevera w. Komplu fittxu lil Ġesù.



### *FITTXU LIL KRISTU FL-EWKARISTIJA*

Jekk tirċievu u taduraw l-Ewkaristija bil-ħeġġa u bl-imħabba, l-Ewkaristija ssir skola ta' mħabba.

**L-Ewkaristija tgħallimkom** biex tgħaddu mill-imħabba żejda tagħkom infuskom, u tinfetħu għall-oħrajn.

**L-Ewkaristija tgħallimkom** biex tgħaddu mill-imħabba "bil-kliem biss għall-imħabba "bil-fatti".

Jekk intom tiskopru lil Ġesù fl-Ewkaristija, intom wkoll titgħallmu tagħrfuH f'ħutkom il-bnedmin, speċjalment fil-wiċċ tal-foqra.

Riflessjonijiet miġbura minn A.C.M.

*"Fost dawk li telgħu jaduraw lil Alla fil-festa kien hemm xi Griegi. Dawn marru għand Filippu u talbuh;- "NIXTIEQU NARAW LIL ĠESÙ" (Ġw. 12.21). Huma riedu jkunu jafu min hu Ġesù u mnejn hu ġej. Is-sena li ġejja 2005 jaħbat il-Jum Mondjali taż-Żgħażagħ li ser isir f'Cologna, l-Ġermanja. Għal Jum Mondjali ta' din is-sena 2004, il-Papa ħa bħala motto: "NIXTIEQU NARAW LIL ĠESÙ". Dan il-vers hu meħud mill-Vanġelu ta' San Ġwann.*

### *MHUX BIŻŻEJJED LI TITKELLMU DWAR ĠESÙ... TRIDU TURU LIL ĠESÙ BIX-XHIEDA TA' ĦAJJITKOM.*

Ġesù jgħallimna NSIBUH f'ħutna l-bnedmin. Mother Theresa kienet tqassam *Visiting Cards*, li fuqhom kellhom miktub;-
IL-FROTT TAS-SKIET HU T-TALB.
IL-FROTT TAT-TALB HI L-FIDI.
IL-FROTT TAL-FIDI HI L-IMĦABBA
IL-FROTT TAL-IMĦABBA HI L-QADI TAL-OĦRAJN.
IL-FROTT TAL-QADI HI L-PAĊI FIL-QALB.
Dan hu l-mezz kif tiltaqa ma' Kristu. Oħorġu iltaqgħu ma' ħutkom il-bnedmin li qed ibatu... "Tassew ngħidilkom kull ma għamiltu ma l-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi" (Mt 25.40).




### *FITTXU LIL KRISTU FIL-KNISJA AGĦRFU L-PREŻENZA TIEGĦU FIL-KNISJA*

Għax il-Knisja hi l-kontinwazzjoni tal-opra tiegħu ta' salvazzjoni. Huwa **fil-Knisja** u **permezz tal-Knisja** li Kristu jissokta juri l-preżenza tiegħu llum u jistieden lill-bnedmin jersqu għandu. Agħtu merħba lil xulxin u ilqgħu lil xulxin fil-parroċċi tagħkom, movimenti u komunitajiet tagħkom, biex toħolqu u tibnu komunjoni bejnietkom. Dan hu s-sinjal viżibbli tal-preżenza ta' Kristu fil-Knisja.

### *NAFDALKOM IS-SALIB TA' KRISTU*

♦ Ġorruħ madwar id-dinja bħala simbolu tal-Imħabba ta' Kristu lejn l-umanità.
♦ U xandru lil kulħadd li fil-mewt u fil-qawmien ta' Kristu biss nistgħu nsibu s-salvazzjoni u l-fidwa.
♦ Kunu xhieda qalbiena tal-imħabba li hi aqwa mill-mewt.
♦ Kunu ħbieb mimlijin ħeġġa għal wara Ġesù.
♦ Ħossu r-responsabiltà li tevanġelizzaw lil ħbiebkom.
♦ Marija kkontemplat l-ħin kollu l-wiċċ ta' Kristu. Jalla hi żżommkom dejjem taħt il-ħarsa ta' Binha Ġesù.

### *ĦUDU T-TOQOL TAL-PROBLEMI TAGĦKOM F'RIĠLEJN IS-SALIB.*

La tistagħġbux li Ġesù qal lill-Appostli li l-ħabba tal-qamħ jeħtieġ li tindifen fl-art u tmut biex tagħmel ħafna frott (Ġwanni12; 23-26). Ġesù aċċetta l-mewt fuq is-salib, għax ried HU, biex is-salib isir għajn ta' ħajja u sinjal ta' mħabba. Kien għal dan l-iskop li jien ridt nafda f'idejkom **SALIB KBIR TAL-INJAM** fit-tmiem tas-Sena tal-Fidwa fil-1984. Dan is-Salib ġera f'ħafna pajjiżi. Mijiet ta' eluf ta' żgħażagħ talbu madwar dan is-salib. Huma poġġew it-toqol tal-problemi tagħhom f'riġlejn is-Salib. U b'hekk huma skoprew li Alla jħobbhom. U bosta sabu kuraġġ li jbiddlu ħajjithom.



BOOKMARK

# *IL-BIBBJA F'IDEJN IĊ-ĊKEJKNIN*

*"Stejjer mill-Bibbja", Pat Alexander. Traduzzjoni ta' Pierre J. Mejlak, Merlin Library Publication, 2003,pp.480, Lm4.*




*Dan huwa addattament bil-Malti minn Pierre J. Mejlak. Il-verżjoni oriġinali bl-ingliż hija ta' Pat Alexander, "The Lion First Bible". Iż-żagħżugħ Naduri issa stabilixxa ruħu fil-qasam tal-kitba għat-tfal billi tagħna dan it-tielet ktieb. L-ewwel ktieb tiegħu kien "Trab Abjad" (1999) u t-tieni ktieb "Meta Nstabu l-Anġli" (2003). Barra dawn il- kotba għat-tfal Pierre J. Mejlak ippubblika ktieb ieħor: "L-Istorja tal-P.N. f'Għawdex". Fil-preżent Pierre huwa student fil-kors tal-B. Communications (Hons) fl-Università ta' Malta u jaħdem ħafna fuq l-Internet u jieħu ħsieb diversi web sites fosthom* june29th.com *li hija is-sit tal-Għaqda tal-Festa ta' San Pietru u San Pawl fin-Nadur Għawdex, u fiha wieħed isib dak kollu li għandu x'jaqsam man-Nadur.*

*Il-Bibbja bla dubju ta' xejn hija l-isbaħ storja li qatt inkitbet. Kulħadd xi darba qara jew sema' xi stejjer mill-Bibbja, speċjalment tat-Testment il-Qadim. Illum it-tfal tagħna għandhom l-opportunità li jaqraw diversi minn dawn l-istejjer bil-lingwa tagħhom. "Stejjer mill-Bibbja" jieħu postu mal-kotba ta' l-istess tip li ġa ħarġu bil-Malti, bħal dak li kienu ppubblikaw tal-M.U.S.E.U.M (Pubblikazzjoni PRECA 1991) u ta' Oliver Friggieri "L-Istorja ta' Ġesù miktuba għat-tfal" (PEG 2001).*

*F'dan il-ktieb issib aktar minn sittin storja meħuda mill-Bibbja u li ġew magħżula kollha kemm huma għat-tfal iż-żgħar. L-istejjer saru bil-għan li jappellaw iktar għat-tfal iż-żgħar ta' bejn il-erba' u s-sitt snin, u għalhekk l-istil sempliċi ħafna, differenti minn kotba oħra.*

*Huma kollha stejjer mill-isbaħ, miktuba bi kliem ħafif biex it-tfal jieħdu pjaċir jaqrawhom u aktar u aktar jisimgħuhom. Il-kbar jistgħu jaqraw dawn l-istejjer lit-tfal tagħhom li għadhom ma' jafux jaqraw. Dawn l-istejjer jistgħu jinqraw qabel ma' t-tfal jorqdu jew bħala qari ta' kuljum għat-tfal biex dawn ikebbsu fihom l-imħabba lejn il-qari u barra minn hekk jitgħallmu l-Bibbja. Il-fantasija tat-tfal titħalla timraħ f'messaġġi sbieħ.*

*L-illustruzzjonijiet huma mill-aktar attraenti għat-tfal u jgħinuhom jifhmu aħjar kull storja f'dan il-ktieb. Dan l-aspett huwa importanti f'kotba tat-tfal għax lit-tfal l-istampi jixgħelulhom l-immaġinazzjoni tagħhom u jieħdu iktar pjaċir jisimgħu jew jaqraw l-istorja. It-tipa hija waħda kbira u l-ktieb fih 480 paġna, kollha mżewqa bi stampi tassew oriġinali.*

*Minħabba l-ispejjeż involuti l-pubblikaturi li huma Merlin Library deherilhom li jistampaw l-ktieb f'Singapor. Ir-riżultat kien wieħed tajjeb u dan il-ktieb għandu jsib postu f'kull dar Maltija u Għawdxija bħala l-Bibbja tat-tfal iż-żgħar nett.*

**Dr. Mario Saliba**

**John Portelli Enterprises Ltd.**
**IATA ACCREDITED AGENT**

The Agent for all your Travel Needs!!

7, INDEPENDENCE SQUARE, VICTORIA VCT103, GOZO, MALTA
TEL: (356) 21561212 / 21561213 FAX: (356) 2156 0133
e-mail: tokk@johnportelli.travel.com.mt
108. ST. JOHN STREET, VALLETTA VLT10, MALTA
TEL: (356) 2124 7016 / 2123 5772 FAX: (356) 2124 7536
e-mail: sangwann@johnportelli.travel.com.mt

Arkivju Nazzjonali Għawdex

# Għawdex 300 sena ilu

## Paġna mill-Arkivju Nazzjonali -124

Riċerka ta' Joseph Bezzina

©2004

# Il-PAGA TA' L-UFFIĊJALI TAR-RIĠMENT

Id-dokument numru mija u erbgħa u għoxrin li qegħdin nippublikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu traskrizzjoni tar-reġistrazzjoni tal-paga annwali ta' l-uffiċjali tar-riġment. Tinsab reġistrata fid-disa' volum ta' l-Acta ta' l-Universitas ta' Għawdex, l-enti amministrattiva tal-gżira fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1703–1704), folju 25r (NAG, UG, Acta, 9/1703–1704, f. 25r).

Din li ġejja hi t-traskrizzjoni tad-daħla tal-pagament:

***Signor Magnifico Aloysio Grech, giurato e tesoriero di quest'Università del Gozzo, pagarete all'infrascritti officiali del Regimento Scudi cinquanta di moneta, se li devono per loro salario d'un anno incominciato il primo maggio per l'anno passato da finirsi l'ultimo istante, come siegue ...***

Ir-riġment ta' l-Universita ta' Għawdex kien għadda minn riforma erba' snin qabel, fil-bidu tas-sena 1700. Fl-ewwel sena l-uffiċjali kienu b'kollox erbatax u flimkien kienu ngħataw 50 skut bħala paga – paga li kienet tkopri sena sħiħa, mill-1 ta' Mejju, 1700, sa' l-aħħar ta' April, 1701.

Erba' snin wara r-riforma, ir-riġment kien għadu magħmul minn erbatax-il ruħ. Flimkien dawn irċivew il-paga ta' ħamsin skut, sewwa sew bħal tliet snin qabel. Din li ġejja hi l-lista tagħhom wieħed wara l-ieħor, bl-uffiċju tagħhom fir-riġment, u bil-ħlas li ngħataw kull wieħed.

- Michele Vassallo, alfiere jew dak li jġorr l-istandard, 18-il-skut
- Simone Pisano, sergente jew surġent minflok il mejjet Simone Pisano, 5 skuti
- Domenico Fenech, sergente, 5 skuti
- Carlo Cifai, sergente, 5 skuti
- Simone Habela, sergente, 5 skuti
- Ferdinando Valletta, caporale jew kapural, minflok Giorgio Curmi, skut
- GioMaria Parnis, caporale, minflok il-mejjet Domenico Cassar, skut
- Ignazio Mizzi, caporale, skut
- Filippo Cassar, caporale, skut
- Antonio Vassallo, banderaro jew reffiegħ tal-bandiera, 4 skuti
- GioDomenico Calleya, tamburo jew daqqaq tat-tanbur, minflok Geronimo Hagius, skut
- Giovanni Andrea Mangion, tamburo, skut
- Giovanni Piero Habela, tamburo, skut
- Francesco Scembri, tamburo, skut



Mill-erbatax-il membru tar-riġment ta' tliet snin qabel, disa' kien għadhom l-istess nies, waqt li ħamsa kienu nbidlu. F'erba' każijiet, il-lista ssemmi wkoll min kien jokkupa l-kariga qabel.

Surġent u kapural kienu daħlu fir-riġment minflok tnejn li mietu. Kapural ieħor u daqqaq tat-tanbur kienu daħlu meta tnejn min-nies kienu rtiraw; qishom kienu xjieħu. Fil-każ ta' Francesco Schembri, l-aħħar wieħed imsemmi, ma jingħadx li dan ħa post Giuseppe Schembri. Il-kunjom iġiegħlek taħseb li Francesco kien daħal flok missieru, jew inkella flok ħuh.

Dawn id-dettalji mil-lista tal-ħlasijiet tal-1704 juru li r-riġment kien magħmul minn erbatax-il ruħ fissi. Jista' jkun li l-postijiet kienu jintirtu u kien biss meta wieħed ma jkollu 'l ħadd fil-familja li postu kien jieħdu wieħed barrani. Hu aktarx għalhekk li f'erba' każi jissemmew il-persuni li kienu jokkupaw il-kariga qabel.

Il-ħlasijiet għal sena sħiħa mhumiex kbar u din hi indikazzjoni li dawn il-membri tar-riġment kienu jagħtu sehemhom meta jkun hemm bżonn biss, kif ngħidu llum part-time. Dan ifisser li r-reġiment kien iktar qiegħed jaqdi skopijiet ċerimonjali, milli skopijiet ta' difiża.



TIFSIR FUQ IT-TAGĦLIM TAT-TWEMMIN NISRANI (26)



# Qaddisa Marija, Omm Alla u Omman

KITBA TA' MONS. ISQOF NIKOL Ġ. CAUCHI

## 2.Il-Qdusija ta' Marija

Kien jixraq li Marija li kellha ġġib fid-dinja lil Kristu li kien innoċenti u l-istess qdusija, tkun hija wkoll "qaddisa" u meħlusa minn kull dnub. Marija kienet kollha kemm hi qaddisa, għax iktar ma wieħed ikun qrib lejn Kristu, li hu l-għajn ta' kull grazzja, iktar jirċievi grazzji minn għandu. Issa Marija kienet l-eqreb lejn Ġesù għaliex ħa l-ġisem minnha u ssawwar fil-ġuf tagħha. Għalhekk fost il-bnedmin Marija hija l-ikbar fil-grazzja u l-qdusija. Matul ħajjitha kollha, Marija kompliet tikber fil-grazzja, li biha ruħha ġiet imżejna sa mill-ewwel mument tat-tnissil tagħha.

Dan it-tkattir tal-grazzja seħħ bil-virtujiet li hija kienet titħarreġ fihom, u bl-atti meritorji li hija kienet tagħmel; imma fuq kollox, meta nkarna fiha l-Iben ta' Alla bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu, u għal darba oħra fil-Pentekoste meta flimkien ma' l-Appostli ġie mogħti lilha l-Paraklitu, bid-doni tiegħu.

Bir-raġun għalhekk li skond il-Missirijiet tal-Knisja tal-Lvant il-Madonna hija msejħa "*Panaghia*" jiġifieri dik li fiha hemm kull qdusija (KKK.,493).

## Il-Verġinità Perpetwa ta' Marija

Marija nisslet lil Kristu bħala bniedem bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu, u mhux minn xi missier uman. Difatti lill-anġlu staqsietu "Kif ikun dan, ladarba ma nagħrafx raġel (verġni)?"(Lq.1,34). Hija baqgħet verġni bla mittiefsa u din il-verġinità l-anqas intilfet meta twieled Kristu, għax jekk twelidu ġara' b'mod naturali. b'xi mod kien ukoll mirakoluż. Hija baqgħet verġni tul ħajjitha kollha, verġinità perpetwa. Hija kienet ikkonsagrat xbubitha lil Alla, b'wegħda li kienet għamlet.

Il-Liturġija tal-Knisja, tiċċelebra lil Marija bħala "*Aeiparthenos*"–"dejjem verġni" (*Lumen Gentium*, 52). Il-verġinità ta' Marija hija artiklu tal-fidi; difatti l-Konċilju Lateran tas-sena 649 fisser il-kelma "*Aeiparthenos*"-"dejjem verġni" bħala "Verġni qabel it-twelid, fit-twelid u wara t-twelid." u fil-kanoni 3 jikkundanna lil dawk li ma jistqarrux li Marija hija l-Omm Qaddisa t'Alla, u dejjem Verġni bla mittiefsa, li nisslet mill-Ispirtu s-Santu u welldet mingħajr ħsara. Dan hu misteru wieħed li aħna nemmnu, li anke li wara t-twelid il-verġinità tagħha ma ntilfitx.

Il-Madonna kienet verġni qabel ma saret omm Alla, kienet verġni meta nisslet l-Kristu u wellditu, u baqgħet verġni wara twelidu, għal ħajjitha kollha sal-mewt; għalhekk ngħidu li Marija kellha "l-verġinità perpetwa" (ara KKK.,499).

Il-verġinità tagħha kienet perfetta. Iżda l-verġinità perfetta ma tfissirx biss l-integrità tal-ġisem, imma wkoll teskludi kull ħtija morali li xxellef il-virtù tal-purità. Il- verġinità perfetta ta' Marija kienet timplika:

- ♦ il-ħarsien tal-virtù tas-safa mingħajr ebda dell ta' ħtija;
- ♦ li f'Marija ma kien hemm ebda diżordni morali b'effett tal-konkupixxenza;
- ♦ li l-ġisem tagħha baqa' integru matul ħajjitha kollha, peress li Kristu tnissel u twieled minnha, mingħajr ma naqas xejn minn xbubitha. Marija imbagħad żammet din l-integrità tul ħajjitha kollha.

## It-Tlugħ ta' Marija fis-Sema

Fil-Kotba Mqaddsa ma nsibu xejn dwar il-mewt ta' Marija u t-tlugħ tagħha fis-Sema, iżda minn żminijiet l-iktar bikrin il-Knisja Kattolika żammet dan it-twemmin. Dwar dan, id-Duttur tal-Knisja San Ġwann Damaxxenu jgħidilna dwar il-Madonna li "ġisimha ma rax it-taħsir, iżda nbidel f'tabernaklu mill-aqwa u mill-eqdes; tabernaklu li ma jispiċċax mal-mewt, imma li jibqa' għal dejjem" (Pat.Gr., 96, 716).

Il-kittieba antiki kemm tal-Knisja Griega, kif ukoll tal-Knisja Latina, jaqblu dwar dik il-verità li Marija ġiet imtellgħa fis-Sema bir-ruħ u l-ġisem. Din il-verità saret Domma tal-Fidi, meta l-Papa Piju XII fl-1 ta' Novembru 1950 iddikjara fil-Bulla "*Munificentissimus Deus*" li "hi domma tal-fidi, rrivelata minn Alla, li l-Immakulata Omm Alla, Marija dejjem Verġni, ġiet imtella ' fil-glorja tas-Sema, bir-ruħ u l-ġisem." Kien jixraq li Dik li kienet mingħajr dnub, mimlija bil-grazzja, mifdija minn Kristu b'fidwa speċjali u msieħba miegħu fir-redenzjoni tal-bnedmin, tkun bħal Kristu igglorifikata billi ġisimha jinżamm bla taħsir u jittellgħa fil-ġenna mingħajr ma joqgħod jistenna il-qawmien ta' l-aħħar jum. U għalhekk anke l-istess Papa Piju XII, ipproklama wkoll lil Marija

bħala "Sultana tas-Smewwiet" u waqqaf il-festa ta' Marija Reġina bl-Enċiklika *"Ad Coeli Reginam"*, tal-11 t'Ottubru 1954, li fiha wera b'mod ċar ir-relazzjoni bejn Ġesù u l-Omm tiegħu, li kien hemm f'ħajjithom fuq l-art, baqgħet u tkompli bla ma tispiċċa qatt fil-glorja tas-smewwiet: "Marija ssaltan ma' Kristu Binha u saltnatha tasal fis-sema u fl-art." Marija hija Sultana kollha tjubija u ħniena għall-bnedmin kollha.

## *Il-Maternità Spiritwali tal-Madonna*

"Ġesù huwa l-uniku iben ta' Marija. Iżda l-maternità spiritwali tagħha tħaddan il-bnedmin kollha li huwa ġie biex isalva. "Hija jkollha iben li 'Alla għamlu l-kbir fost ħafna aħwa' (Rum.9,29) jiġifieri fost dawk kollha li jemmnu li għat-twelid u t-trawwim tagħhom, Marija tagħti sehem bl-imħabba tagħha ta' omm" (*Lumen Gentium*, 63). Din hija l-maternità spiritwali tagħha. Hija ġiet ipproklamata omm tagħna minn Kristu nnifsu meta kien agonija fuq is-salib u qal lil San Ġwann "Hawn hi ommok" (Ġw.,19,21) għax fil-persuna ta' Ġwanni konna rappreżentati aħna lkoll.

Lil Marija nsejħulha "Ommna" għaliex hija tgħinna u tieqaf magħna, fil-ħajja spiritwali tagħna, l-ħajja tal-grazzja, kif l-omm naturali tagħna hija ddedikata għalina f'ħajjitna f'din id-dinja. Ir-rwol ta' Marija jixbah lil dak ta' l-omm, minn għandha ħadna il-ħajja tal-grazzja, peress li hija tatna 'l Kristu, li minnu ġejja kull ħajja sopranaturali. Hija ssaħħaħ il-ħajja spiritwali tagħna bl-interċessjoni kontinwa tagħha għalina, bħala Medjatriċi tal-grazzji kollha; hija tikkopera ma' Alla biex aħna ma nitilfux il-grazzja tiegħu u żżommna 'l bogħod mid-dnub.

Għad li Marija konna nsejħulha "Korredentriċi u Medjatriċi tal-grazzji kollha," iżda din il-verità qatt ma ġiet dikjarata domma tal-fidi. Kristu huwa l-uniku Medjatur bejn Alla u l-bniedem, għaliex hu waħdu fdiena billi offra s-sagrifiċċju tal-Kalvarju, meta miet għalina fuq is-salib. Iżda Marija kellha sehem fir-Redenzjoni ta' Kristu permezz tal-Maternità Divina tagħha. Fil-*Lumen Gentium* numru 61 naqraw li Marija "kkoperat bl-ubbidjenza tagħha biex l-erwieħ



jiksbu mill-ġdid il-ħajja sopranaturali. Minħabba f'hekk hija kienet għalina omm fl-ordni tal-grazzja." Marija ssieħbet ma' Binha fil-misteru tiegħu ta' Redentur u Medjatur.

Kemm il-Papa Ljun XIII, kif ukoll il-Papa Piju XII fl-enċiklika *Mystici Corporis*, jgħidulna li Marija, peress li tat il-kunsens tagħha biex jiġi fid-dinja l-Feddej, hija mhux biss l-ewwel membru tal-umanità mifdija minn Kristu, imma għandha wkoll sehem veru ta' medjazzjoni għax kienet l-ewwel fost il-bnedmin li laqgħet l-opra redentriċi ta' Kristu.

*(jissokta f'ħarġa oħra)*

**Qronfli**

*Fresh & Artificial Flower Arrangements for all occasions*

***Specialising in: Wedding Bouquets, Church and Reception Decorations, Funeral Wreaths***

***We sell also Souvenirs, Holy Images, and Invitations for Baptism, First Holy Communion, Confirmation and Weddings***

**46, Mikiel Farrugia Street, Xagħra, Gozo. Tel. 2155 2759**




# IL-BIEDJA F'GĦAWDEX

*(Il-Ħamsa u Għoxrin Parti )*

**(jaqbad mal-ħarġa ta' qabel)**

## *IĊ-ĊAWL*

Dari kien hawn ukoll iċ-ċawl li kien jagħmel ħafna ħsara għax kien jattakka l-miżergħa u wċuħ oħra fir-raba'. Kien jitrawwem fir-rdajjem ta' wara Malta u Għawdex b'għadd hekk kbir li fis-sajf, meta jonqsu l-ikel, kien jidher jittajjar bil-mijiet, bħal sħaba sewda fuq ir-raba' mhux biss ta' madwar ix-xtut, imma wkoll ta' ġewwa l-art. Mal-qatgħa taċ-ċawl kien ikun hemm dejjem waħda għassa fuq xi ħajt biex tagħmel is-sinjal lil sħabha fil-każ ta' periklu. Fejn jinżel kien iżarma s-siġar tat-tin u -dwieli tal-għeneb. Waqt iż-żrigħ tal-ful u tal-piżelli, iċ-ċawla kellha għada li terfa' n-nebbiet biex tiekol il-fula jew il-piżella, bħalma jagħmel il-għasfur tal-bejt għall-qamħ. Iċ-ċawl inqered mill-gżejjer tagħna minħabba l-veleni li bdew jitfgħulu, u ħadd m'għandu jiddispjaċih li nqered. Wara kollox m'hix xi tajra rari u f'pajjiżi oħra hemm eluf minnha. Iċ-ċawla ma tpassix, u għalhekk, biex titnissel hawn trid terġa' tiddaħħal. Ismijiet ta' postijiet f'Għawdex bħal "taċ-ċawla" u "Wied Agħrab" għadhom ifakkruna f'meta din it-tajra kienet komuni fostna. Agħrab jew Għorab huwa ċawlun. Sa qabel il-gwerra kienet diġà battiet sewwa u jingħad li l-aħħar ċawla nqatlet f'Għawdex fis-sena 1952.

## *L-ALWETTA U L-MALVIZZ*

L-alwetta u l-malvizz, kif ukoll il-malvizz l-iswed, jagħmlu wisq ġid għax jieklu ħafna dwied minn fuq l-egħlejjel tar-raba' u billi jiġu hawn aktarx bil-kotra u jdumu qatigħ, ta' min jibża' għalihom u jiddefendihom. Imma nzertaw żewġ għasafar tajbin għall-kaċċa u l-kaċċaturi jagħmlu wisq għalihom, u xi drabi jfissru li allaħares ma jkunux huma għax kieku l-kaċċatur jista' ma joħroġ xejn.

## *GĦASAFAR OĦRA LI JAGĦMLU L-ĠID*

Hemm diversi għasafar li jagħmlu ħafna ġid lill-biedja jekk kemm-il darba jħalluhom ħajjin! Għax dawn l-għasafar jieklu ħafna dud, bebbux jew insetti. Insemmi bħala eżempji l-Merill, il-Bufula, il-Belqa (Kaċċamendla), id-Durrajsa l-Kbira, id-Durrajsa ż-Żgħira, u anki l-Bibla, avolja din tpassi, imma ddum hawn qisu minn Marzu sa Ottubru.

Il-bufula u d-durrajsa ż-żgħira jibdew minn fil-għodu jnaqqru minn mal-weraq tax-xtieli dud irqiq bis-sura ta' ċomba u l-werqa jsaffuha minnu fi żmien qasir. Imbagħad meta jkollhom il-frieħ tgħidx kemm iġorru minnu biex iżoqqu l-frieħ tagħhom. Għalhekk dan id-dud jissejjaħ imżaqq. Dawn l-għasafar u l-kaċċamendli jagħmlu l-bejtiet tagħhom f'siġar u xtieli selvaġġi bħalma huma ħawħ, lewż, ħarrub, xurbebb, tillera, merdqux, xandrija, għollieq, spika tal-lavanda jew spika ta' l-Imnarja, klin, tengħut, millieġ, warda kħajla, u xeħt ir-riħ. Ta' min jistagħġeb kif dawn l-għasafar dejjem jagħmlu l-bejta tagħhom fuq l-istess pjanta u b'sengħa tassew kbira.

Il-merill, barra li jiekol il-wiżagħ u l-gremxul, jeqred kwantità kbira ta' bebbux u għekierex li tant jagħmlu ħsara lill-uċuħ tar-raba'.

Il-bufula, iz-zakak u l-pitirross igħixu biss mill-insetti li jsibu. Għalhekk dawn l-għasafar m'għandhom qatt jinqabdu għax m'humiex għasafar tal-gaġġa.

Il-kokka u omm is-sibjien (sibjien hawn tfisser serq, għalhekk ġie li titlissen ħażin, subjien!) jagħmlu wkoll ħafna ġid, għalkemm mhux daqs il-malvizz. Il-kokka hija għasfur ta' ħtieġa għall-biedja għax teqred ħafna ġrieden. Hekk ukoll il-barbaġann. Dan il-għasfur joħroġ jirgħa bil-lejl u jaqbad kotra kbira ta' ġrieden żgħar u kbar, ħanfus u dwied oħra. M'hemmx dubju li l-ġrieden jagħmlu ħsara kbira kulfejn ikunu. Hija ħasra li dan il-għasfur inqered għax kienu jisparaw għalih bl-addoċċ u x'uħud kienu jemmnu li hu għasfur ta' riżq ħażin minħabba d-dehra tiegħu (*uccello di malaugurio*).

# ANNIMALI OĦRA LI JAGĦMLU L-ĠID JEW IL-ĦSARA

Bosta annimali oħra jagħmlu wkoll il-ġid jew il-ħsara.

## *IL-QANFUD*

Il-qanfud hu annimal mistħi li bin-nhar ikun mistoħbi u joħroġ jirgħa bil-lejl. F'Għawdex hawn min jemmen li jnaqqar il-għeneb u jerda' l-mogħoż. Għalhekk issib min iżebilħu. Dari kien hawn min iħokku ma' blata, jew jagħtih bis-sieq bħal ballun, inkella jxarrbu bil-pitrolju u jagħtih in-nar. Dawn kienu kollha għemejjel ta' min hu bla sens, kattiv, qalbu ħażina u injorant fl-istess ħin, għax il-qanfud la jagħmel ħsara u lanqas ibeżża'.

Il-qanfud jagħmel ħafna ġid lill-biedja: jiekol il-bebbux, il-ħanżir l-art, is-sriep, u l-buħarrat li jeqred tant xtieli, l-aktar tal-patata.

Sfortunatament, illum il-ġurnata xi qniefed tal-kampanja jitgħaffġu mill-karrozzi fil-waqt li jkunu jaqsmu t-triq bil-lejl. Jekk sewwieq jilmaħ xi wieħed jagħmel sewwa jekk, mhux biss jevitah, imma jinżel mill-karrozzi u jwarrbu għall-ġenb kif ikun sar ballun.

## *IS-SERP*

Is-serp niltaqgħu miegħu fir-raba' u fl-irziezet. Is-serp tagħna għandu lewn iswed u jitwal madwar metru jew ftit iżjed. Ngħiduha kif inhi, is-serp ibeżża' lil ħafna nies, imma s-serp aktar jagħmel ġid mill-ħsara. Is-serp hu l-akbar għadu tal-ġrieden, u kieku ma jkunx hu l-kampanja tiżgħed bihom bi ħsara kbira għall-bidwi. Naħseb m'hemmx għalfejn ngħidu kemm jagħmlu ħsara l-ġrieden u kemm joktru malajr. Mela fejn naraw serp għandna ngerrxuh u nħalluh igħix u mhux nagħmlu bħal ħafna nies, naqbdu u noqtluh.

Is-serp meta jkun imhedded u ma jkollux fejn jidħol għandu ħabta jogħla fuq qaddu u jimxi b'rasu fil-għoli. Dan jagħmel hekk biex ibeżża'. Tbiegħed ftit minnu, ċapċap idejk, u tara kif jaħrab! Xi nies jemmnu wkoll li s-serp hu ħares li jista' jidher taħt suriet oħra. Għalhekk jippruvaw joqtluh biex jeqirduh darba għal dejjem. Twemmin bħal dan m'hu xejn ħlief superstizzjoni. Is-serp m'hu ħares xejn, anzi hu annimal bħall-oħrajn li aktar jagħmel ġid milli ħsara.

Insemmu xi ħsara żgħira li jista' jagħmel is-serp, apparti li jagħti l-qtajja' u jbeżża' n-nies. Is-serp jekk iduq il-bajd tat-tigieg jista' jibda jdur għalih u jtaqqbu biex, imbagħad jibilgħu. Imma dan ix-xogħol isir jekk il-bajd ikun waħdu u mhux meta jkun hemm it-tiġieġa li għandha ħabta tagħmel għalih u jekk jersaq tibda ttih bil-munqar. Is-serp jista' wkoll jagħmel għall-agħsafar tat-taħrik tan-nassaba u jidħol fil-gabbjetta u jibla' l-għasfur. Imma, imbagħad, billi żaqqu tkun ħoxna ma jkunx jista' joħroġ u n-nassab jaqbdu u joqtlu bir-rabja.

## *IL-ĠRIEDEN*

Żgur li kuħadd jaf xi ħsara kbira jistgħu jagħmlu l-ġrieden kemm fir-raba' kif ukoll fir-razzett u fid-djar. Dawn l-annimali, li jħobbu jgerrmu l-ħin kollu, jagħmlu dan biex isinnu snienhom u jżommuhom qosra kemm jista' jkun. Għalhekk igerrmu bla ħniena



ta' xejn oġġetti ta' l-injam, taċ-ċarruta u materjal ieħor simili, u anki z-zkuk tas-siġar. Jagħmlu ħsara kbira lis-siġar tal-ħarrub billi jgerrmulhom iz-zokk, jieklu kull xorta ta' frott, itaqqbu l-qara' biex jiklulu ż-żerriegħa, u jagħmlu għall-flieles u l-fniek fil-bejta billi joqtluhom u jikluhom.

L-egħdewwa naturali tal-ġrieden huma l-qtates u s-sriep. Mill-banda l-oħra l-klieb igħinuna biex naqbdu u noqtlu xi ġurdien kbir tal-far li jidħol x'imkien u jibda jagħmel il-ħsara.

Il-ġrieden jobtnu u jiżegħdu ħafna, hekk li jkollhom boton ta' xi tmint ifrieħ kull darba. Igħixu fil-ħitan tas-sejjieħ, fl-imramma tal-bini, u fil-kanali ta' taħt l-art u l-katusi tad-drenaġġ. Nistgħu neħilsu minnhom billi navvelenawhom u nintuskawhom jew billi naqbduhom bin-nases. Hemm nases tal-ġrieden ta' kull xorta: nases b'molla qawwija biex jaqbdu l-ġurdien minn għonqu u joqtluh, nases qishom trabokk biex jaqbdu l-ġurdien ħaj, l-aktar xi ġurdien ta' l-imramma, u dari l-bdiewa kienu jagħmlu wkoll nassa apposta b'ċangatura mxaqilba, li kienet taqa' fuq il-ġurdien u taqbdu taħtha.

Dwar it-tosku u l-veleni, wieħed irid joqgħod attent għax il-ġrieden ħżiena wisq u malli jindunaw li wieħed minn sħabhom miet meta kiel minnu, ma jibqgħux iħarsu lejh, u ma teqridx ġurdien b'dak it-tosku.

## *IL-ĠIBS VIRĠNI*

Hemm min iħallat il-ġibs virġni mal-għalf, per eżempju smida u ġobon u jagħilfu lill-ġrieden. Malli l-ġurdien jiekol minnu, il-ġibs virġni jagħqad ġo fih, il-ġurdien jinstadd u jmut fi ftit jiem.

Dari dawk li jaqbdu l-ġrieden ħajjin kienu l-ewwel jitimgħuhom il-għalf bil-ġibs verġni, imbagħad iħitulhom it-toqba ta' tinthom b'sinna tat-tewm imqaxxra ġo fiha biex il-ġurdien iħoss il-ħruq u jirvella. Imbagħad, jitilquh. Il-ġurdien bil-ħruq li jħoss jibda jigdem lil kull ġurdien ieħor li jiltaqa' miegħu sakemm imut minħabba l-ġibs virġni.

## *IN-NASSA TAL-ĠRIEDEN BIĊ-ĊANGATURA*

In-nassa tal-ġrieden biċ-ċangatura kienet issir hekk. Qabel xejn kienu jsibu ċangatura xi pied u nofs twila u pied wiesgħa. Din iċ-ċangatura titwaqqaf fuq naħa waħda fuq tliet biċċiet injam, tnejn minnhom daqs 6 pulzieri twal u l-oħra ftit iqsar. Dawn l-injamiet

jinżammu ma' xulxin bi ħniek maqtugħin b'mus fihom stess u meta jitwaqqfu jieħdu l-għamla tan-Nru. 4. kbir imdawwar kuntrarju.

Il-lista ta' isfel tpoġġi ma' l-art u f'dik tax-xellug, li tkun bil-ponta, titqiegħed il-lixka. Iċ-ċangatura titpoġġa fuq il-ponta ta' fuq. Malli l-ġurdien imiss il-lixka, l-injamiet jiġġarrfu minnufih u l-ġurdien jinqabad taħt iċ-ċangatura u aktarx imut fgat, l-aktar jekk in-nassa tkun minsuba fuq ħamrija xi ftit moħwija. Jekk in-nassa taħsel tiċċappas bid-demm, il-ġrieden l-oħra malajr ixommuha u dlonk jitwarrbu minnha.

Il-ġrieden jinqabdu b'dan il-mod mill-għelieqi, imnadar u ġonna. Dari kien ikun hemm min jonsob diversi nases bħal din, l-aktar jekk ikun hemm ħafna ġrieden. Min jonsob għall-ġrieden kien ibiddel ukoll il-post tan-nassa. L-aħjar ħin biex tonsob nassa bħal din hu meta l-ġrieden joħorġu jfittxu l-ikel.

## AKTAR DWAR IN-NASES TAL-ĠRIEDEN

**In-nases tal-molla li jkunu bis-snien** xi drabi l-ġurdien ma joqtluhx mill-ewwel, u ġie li jferuh u joħroġ id-demm. Malli n-nassa tiċċappas bid-demm tal-ġrieden, dawn ma jħarsux lejha iżjed għax ixommuh. Anki jekk taħsilha tajjeb, wieħed għandu għax jiskanta kemm ixommu l-ġrieden. Għalhekk nases tal-molla m'humiex rakkomandati wisq.

**In-nassa tal-landa jew tal-patalott.** Din in-nassa ssir hekk. Sib landa jew patalott kemm xejn kbir u li jkollu l-ġnub jiżolqu. In-naħa ta' fuq waħħallu għatu daqsxejn iżgħar mid-daqs tal-landa jew tal-patalott b'mod li jkun idur u jiżbilanċja ruħu mix-xejn. Imla kwart tal-landa bl-ilma u fuq il-għatu qiegħed xi ikel ifuħ bħal xi biċċa ġobon. Qiegħed il-landa fejn jilħaqha l-ġurdien. Malli l-ġurdien jirfes fuq il-għatu biex imur għall-ġobon, il-għatu jdur bih u jibqa' nieżel fl-ilma tal-landa u ma jkunx jista' jerġa' lura u hekk taqbdu ħaj.

**In-nassa tal-vażett.** Sib vażett ta' kobor skond liema ġurdien trid taqbad. Aktar ma jkun kbir il-ġurdien akbar irid ikun il-vażett. Ħaffer ħofra fil-ġnien fejn ikun hemm il-ġrieden u ħawwel il-vażett ġo fiha b'tali mod li x-xifer ta' fuq tal-vażett ikun ma' wiċċ il-ħamrija. Issa fil-qiegħ tal-vażett poġġi sustanza li twaħħal jew kolla tal-ġrieden. Idlek ix-xifer tal-vażett bil-ġobon b'tali mod li l-ġurdien irid jixxabbat għalih. Billi l-vażett ikun tal-ħġieġ, meta jmur iżomm il-ġurdien jiżloq u jaqa' ġol-vażett fejn jeħel bil-kolla u ma jkunx jista' jitla'.

## MARD TAL-BHEJJEM U T-TJUR

Daqskemm il-mard jagħmel deni lill-uċuħ tar-raba' u s-siġar, daqstant ieħor jagħmel ħsara lill-bhejjem u lit-tjur li jrabbi l-bidwi. Naturalment, il-mard tal-bhejjem u t-tjur jiġi minn ħlejjaq totalment differenti minn dawk li jattakkaw il-ħxejjex.

## IL-MARSUTTIN

Il-marda tal-marsuttin fil-baqar aktarx daħlet minn barra u ġabuha magħhom annimali li ddaħħlu f'pajjiżna għall-ksiba. L-ewwel darba li l-baqar ġew ittestjati għal din il-marda kien fl-1939 meta xi pajjiżi kienu ssuspettati li kellhom din il-marda. Il-marsuttin fil-baqar hija marda serja ħafna tas-sider u tista' tittieħed mill-bniedem. Għalhekk, bhejjem mimsusin b'din il-marda jinqatlu u jinqerdu.

## IL-MARDA TA' L-ILSIEN U D-DWIEFER

Fil-bidu ta' din il-marda, il-bhima tibda ta' sikwit tismagħha tmeċlaq, ħafna bżieq jibda nieżel minn ġo ħalqha u turik biċ-ċaqliq ta' lsienha li ħabat juġagħha. Jekk taralha ħalqha sewwa ssib bżieżaq fuq l-ilsien in-naħa ta' ġewwa tax-xoffa ta' fuq kif ukoll fuq il-ħanek ta' fuq. Meta dawn il-bżieżaq bojod jinfaqgħu, flokhom jibdew jidhru dbabar ħomor. Il-bhima ma tirroftax ikel, iżda malli tomogħdu terġa' tobżqu 'l barra flok tibilgħu.

Bosta drabi saqajn il-bhima jkunu infettati wkoll u jidhru nfafet ħdejn dufrejha. Mal-mixi hija tibda tofrok u ta' sikwit ixxejjer sieq wara l-oħra. Fil-baqar tal-ħalib jidhru wkoll bżieżaq fuq il-bżieżel, fit-tubi tal-kanali tal-ħalib, u li għalhekk ma jgħaddix sewwa.

Din il-marda aktarx li tixgħel f'daqqa qalb il-baqar, ngħaġ, mogħoż u majjali li jkunu jinsabu fir-razzett. Iżda fil-majjali, mogħoż u ngħaġ ma tarax bżieq ħiereġ mill-ħalq, bħalmeta tkun fil-baqar. L-ewwel sinjali li jagħtuk x'taħseb f'din il-marda fost il-majjali, ngħaġ u mogħoż hija li l-bhejjem f'daqqa waħda tarahom joforku. Joforku tfisser izappu.

L-inħawi fejn titfaċċa din il-marda fost il-bhejjem jissejjaħ post infett. Aktarx li meta titfaċċa l-Gvern jimponi restrizzjonijiet biex ħadd ma jġorr bhejjem mid-distrett li jkun jew lejh minn inħawi oħra ta' Malta u Għawdex. Il-ġarr tal-bhejjem bejn Malta u Għawdex jiġi wkoll ipprojbit. Dan kollu jsir biex il-marda ma tixteridx billi fejn tattakka l-bdiewa u r-raħħala jsofru ħafna telf ta' flus.

(Jissokta)



SMUGGLER'S CAVE
BAR ♦ RESTAURANT ♦ PIZZERIA
Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.
Tel: 21 551005 - 21 551983
Fax 21 559959
Full A La Carte Menu, Fresh Fish,
Take Away & Pizza.
HOME MADE PASTA IS OUR SPECIALITY






**gozo press**

**Offset & Letterpress Printing**
**Graphic Design Studio**

Mġarr Road, Għajnsielem, Gozo - Malta.
Tel: 2155 1534 - Fax: 2156 0857 - Mob: 9982 6350
E-mail: gozopress@onvol.net

A Whole New Look

*Sharmain's Styling Salon*

57,
St. Joseph Square
Qala, Gozo
Tel: 2156 6236

# Xerri l-Bukkett



**Bar**
**Restaurant Pizzeria**

*Dine while enjoying the best view in the Maltese islands*

Triq iz-Zewwieqa Qala
**Tel. 21553500**

# HILITE

HARDWARE STORE

**FRANCO - BELGE FIRE PLACES**

*Importers of*
Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa Space Heaters
and Fire Places

113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884

# Home Decorations

* *Specialising in Gypsum wall partitions*
* *Gypsum Board Soffit and all kinds of tiles*
* *PVC Wall Panelling*
* *Interior Painting*

For Free Home Estimates
*Call* **Frank Azzopardi**
on 2156 5241 or 9982 9195

**BOGI AUTO LTD**

- **Spare Parts**
- **Batteries**
- **Accessories**

**J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo**
**Tel: 2155 1070 Fax: 2156 3073**

**FUQ L-INTERNET**

**RADJU R.T.K. - 103 / 97.8 FM Stereo**

**IL-HAJJA F'GĦAWDEX**
**http://www.gozodirect.com/lumenchristi**

# Għawdex... kif nafu u narah jien 4





## "GĦAWDEX: BEJN SFIDI U OPPORTUNITAJIET..."

L-Onor. Anton Tabone, Speaker tal-Parlament, jagħtina l-impressjoni u l-fehmiet tiegħu

Qabel xejn nixtieq nirringrazzja liċ-*Chairman*, l-Editur u l-Pubblikatur tar-rivista ta' l-Għawdxin "*Il-Ħajja f'Għawdex*" ta' l-inizjattiva li, ħadu biex jistiednu lil min jikteb *essay* matul din is-sena bit-titlu "Għawdex u jien", fil-kuntest ta' xi jfisser Għawdex għalija, "Għawdex kif nafu u narah jien" u x'jolqotni u x'idejjaqni f'Għawdex. Din kienet l-istedina.



Ma nistax ma nistqarx l-apprezzament u l-gratitudni tiegħi bħala Għawdxi lejn in-nies li joħorġu din ir-rivista, l-unika waħda f'Għawdex, li tipprova ta' kull xahar tgħaqqad l-interessi ta' Għawdex u ta' l-Għawdxin u tesponihom. B'hekk tippromwovi fil-ħarġiet tagħha d-diversi oqsma tal-ħajja Għawdxija. B'hekk qiegħda tgħin biex issostni u possibbilment tkabbar l-identità tal-gżira u ta' l-abitanti.

Għalija Għawdex hu dak li hu, gżira maqtugħa bil-baħar minn Malta. Hekk fasslitu n-natura u jien li nzertajt twelidt fih, aċċettajt u rrispettajt dan l-istat ta' fatt. Infatti l-baħar li jifred lil Għawdex minn Malta jagħmel lil Għawdex dak li hu u lilna l-Għawdxin dak li aħna. Dak hu t-timbru ta' l-identità tagħna u ta' gżiritna. Din hi r-realtà sħiħa. U biex inħobb lil Għawdex irrid naċċetta u nirrispetta din ir-realtà sħiħa. Madankollu konxju ħafna mill-fatt li din ir-realtà ħolqot problemi, speċjalment fil-passat, għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-gżira. Nista ngħid b'sodisfazzjon li, bħal ħafna oħrajn, qattajt ħajti nissielet biex dawk il-problemi jiġu megħluba u biex Għawdex (u Kemmuna miegħu) jibda jieħu vantaġġ mill-opportunitajiet li potenzjalment jeżistu proprju għax ġejjin minn din ir-realtà ta' l-identità tiegħu.



Fil-fehma tiegħi, Għawdex għandu jippreserva din l-identità tiegħu jekk irid jibqa' rilevanti fil-ħajja tal-pajjiż. Dak li jiddistingwih mill-bqija tal-pajjiż irid jiffoka fuqu u jġiegħel lil ħaddieħor jifhem u jibda japprezza din ir-realtà. Qabel ma jsir dan ma jkunux jistgħu jifhmu u jaċċettaw lil Għawdex kif nafuh aħna l-Għawdxin.



Per eżempju, Għawdex għandu l-Ministeru tiegħu b'Ministru ddedikat u responsabbli għall-affarijiet tal-gżira. Għawdex huwa Djoċesi għalih bl-Isqof tiegħu. Għawdex għandu s-Seminarju u l-Katidral tiegħu. Għandu l-Qorti tiegħu. Biex ma nsemmix li għandu l-isptar tiegħu, iċ-ċentru ta' l-Università u skejjel oħra tiegħu. Dan kollu mhux folklor iżda realtà ġejja min-neċessità.




Issa allura jreġi li dawn l-istituzzjonijiet iridu jiffunzjonaw tajjeb u jkunu rispettati mhux biss minna l-Għawdxin imma wkoll minn ħutna l-Maltin. Nerġa' ngħid, l-istituzzjonijiet Għawdxin li semmejt mhumiex hemm bħala folklor imma qegħdin hemm biex jiffunzjonaw f'Għawdex, kif wkoll f'kuntest nazzjonali. Infatti dawn l-istituzzjonijiet jirrappreżentaw il-kontenut politiku li għandu Għawdex u li jagħmluh rilevanti fil-pajjiż kollu. Meta l-Gvern Ċentrali fl-1987 ħoloq Ministeru għal Għawdex, ta lill-gżira l-għodda biex permezz tal-Ministru konċernat u l-istrutturi ta' l-istess dekasteru jiġġieldu għad-drittijiet t'Għawdex u ta' l-Għawdxin billi jippromwovu d-dimensjoni reġjonali tiegħu.

Għaldaqstant l-Għawdxin għandhom jagħrfu d-drittijiet tagħhom fi ħwejjeġ li huma tagħhom. Per eżempju, fejn Għawdex jintlaqat ħażin b'xi miżura li tittieħed, ngħidu aħna, fit-trasport bil-baħar, irridu nkunu aħna b'vuċi waħda li nikkumbattu dik il-miżura, għax min iġarrab jaf l-iktar u l-aħjar. Min-naħa l-oħra, irridu nagħrfu daqstant ieħor l-opportunitajiet u l-potenzjal t'Għawdex tagħna u nkunu aħna b'vuċi waħda li nperrċuhom. Per eżempju, m'hemmx l-iċken dubju li Għawdex u miegħu Kemmuna huma d-djamanti fil-kuruna (*the jewels in the crown*) tat-turiżmu nazzjonali. Imma dak m'hu se jgħidu ħadd jekk mhux aħna l-Għawdxin. U dan ma ngħiduhx biex nitkessħu jew biex nimpikaw, imma biex nesponu stat ta' fatt u nieħdu vantaġġ minnu f'kuntest ta' żvilupp ekonomiku.



Għawdex, bħal kull post ieħor jew ħaġa oħra, jippreżenta sfidi u opportunitajiet. Ngħid għalija nippreferi nħares iżjed lejn l-opportunitajiet li joffri għax nemmen li rkibna ħafna u ħafna sfidi, għalkemm sfidi għad hemm u jibqa' jkun hemm. Imma llum, kif għedt diġa, Għawdex għandu l-għodda biex jiġġieled l-isfidi. Dmir tagħna li nagħrfu nużaw dik l-għodda. Wara sbatax-il sena bl-għodda f'idejna, suppost li tgħallimna nużaw tajjeb u b'effiċjenza r-riżorsi u l-potenzjal tagħna għall-ġid ta' Għawdex u l-Għawdxin.






XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA



Pittura ta' Dun Ġużepp Grima

# Dun Ġużepp Grima (1885-1952) 1. Saċerdot Umli u Fqir

**jikteb Angelo Xuereb**

Dun Ġużepp Grima twieled fil-25 ta' Ottubru 1885 fir-raħal ta' Sannat fejn wettaq b'imħabba u perfezzjoni kbira d-dmirijiet saċerdotali tiegħu. Kien saċerdot magħruf għall-umiltà tiegħu.

Ftit li xejn nafu dwar it-tfulija tiegħu. Kellu x-xewqa li jissieħeb f'xi ordni reliġjuż fejn ikun jista' jiddedika ruħu lil Alla permezz tat-tliet voti: faqar, ubbidjenza u kastità. Iżda Alla ried minnu l-ħajja ta' saċerdot sekulari, u li din jgħaddiha fil-parroċċa ta' raħal twelidu, jiġifieri fis-Sannat. Ġie ordnat saċerdot fil-21 ta' Diċembru 1912, u għex l-istess voti daqs reliġjuż, b'fedeltà sħiħa.

Matul l-ministeru saċerdotali wera li kellu qalb kbira. Kien jgħix biss bl-elemożina tal-quddiesa. Darba meta missier resaq lejh u fetaħ qalbu li ma kellux flus biex iħallas il-frejħa (il-funeral tat-tarbija), Dun Ġużepp dlonk wieġeb li ser jieħu ħsieb kollox huwa. Kien il-komunier tal-parroċċa jiġifieri dak li jieħu ħsieb il-funerali. Billi fiż-żmien li għex fih kien hawn nuqqas ta' iġjene u ndafa, kienu jmutu ħafna trabi. Għalhekk huwa kien jmur jakkumpanjahom l-ewwel mid-dar għall-knisja u mbagħad minn hemm għaċ-ċimiterju, ħafna drabi bla ebda ħlas. Il-flus għalih kienu l-aħħar ħaġa, kemm jgħix.

Billi kellu lil ħuh sagristan kien jmur jgħinu *gratis*. Kellu ħafna għal qalbu t-tempju ta' Alla jiġifieri l-knisja. Kien qassis umli ħafna. Kont tarah dejjem b'suttana qadima, iżda nadifa, kappell f'rasu iżda li kien iżomm baxxuta filwaqt li kien isellem lil kull min jiltaqa' miegħu. Ħabib ma' kulħadd.

Iżda l-umiltà tiegħu tidher fil-fatt li billi kien xi ftit difettuż fi kliemu qatt ma aċċetta l-fakultà li jkun jista' jamministra s-sagrament tal-qrar. Darba Mons. Mikiel Gonzi, li kien Isqof ta' Għawdex, waqt viżta pastorali, mar biex jagħtih il-fakultà tal-qrar, iżda Dun Ġużepp wieġeb: "Eċċellenza, ma ninqalax, m'iniex kapaċi". Billi għamel ħafna żmien qassis waħdu ma' l-Arċipriet Dun Ġużepp Cassar, kien jservi ta' viċi-parroku, u għalhekk kellu jmidd għonqu għax-xogħol tal-parroċċa b'żelu kbir.

Qabel ħalla din id-dinja għamel xi ftit taż-żmien irtirat. Tlitt ijiem wara li ġarrab attakk apopletiku, ltaqa' ma' Ġesù li tant kien iħobb u miet b'fama ta' qaddis. Dan ġara fis-7 ta' Settembru 1952 fl-età ta' 67 sena. Din il-fama ta' qdusija tidher fil-fatt li qabel ma difnuh xi nies ippruvaw jeħdulu ftit xagħar, bħala tifkira tiegħu, u għadu sal-lum magħruf bħala "qassis qaddis" f'raħal twelidu, is-Sannat.

Dun Ġużepp jgħallimna li n-nisrani ma hemmx bżonn jagħmel ħwejjeġ kbar biex jagħti glorja lil Alla, iżda jwettaq dmirijietu b'imħabba kbira. L-umiltà, fuq kollox, tispikka aktar fuq saċerdot.

*(Din is-sensiela hija msejsa fuq l-artiklu "Dun Ġużepp Grima; il-bniedem ta' Alla" miktub minn Dun Anton Bajada, li deher f'Leħen is-Sewwa tas-7/9/2002 f'għeluq il-ħamsin sena minn mewtu).*

TAL-MUDELL
HARDWARE SHOP
FORTUNATO MIZZI STREET,
VICTORIA,GOZO - TEL 2155 4131

MARIO
DISPENSING OPTICIANS
57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Prop.: Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).
Appointments for
EYE TESTING / EXAMINATION
by the Latest Computer Technology
and Eye Specialists
Telephone: 55 65 28 / 56 33 31

L-Ankra
RESTAURANT

Specialising in
Fresh Fish, Pasta and
Local Specialities.

11 Shore Street, Mgarr, Gozo

For Reservations phone: 2155 56 56 – 2156 02 11
Mob: 9947 6702

Huan Yuan
CANTONESE RESTURANT

11 Shore Street, Mgarr, Gozo
Tel: 2156 5700 / Mob: 9947 6702

The only Cantonese Restaurant in Gozo,
only few meters away from Gozo Ferry!

M and M
DISCOUNT SUPERMARKET

8th September Avenue, Xaghra, Gozo. Tel: 21 560 211 - Mobile: 9947 6702
OPEN ALL DAY

## Għawdxin li għadna niftakru - 14

Minn Pawlu Mizzi

# ĠIRĠI TAL-MESTIZZ

Li kieku ma kienx ħija Toni li miegħu kultant kont nehda niftakar fil-praspar ta' tfuliti, kieku ilni li nsejthom lil dawn in-nies.

'Tiftakru lil Ġirġi tal-Mestizz?' qalli darba.

'Mur qajmu! Ta' żiemel tat-trott kieku joħroġ minn qabru,' weġibtu nidħak.'U b'rasu mxengla, tiela' u nieżla, qisha miġbuda mir-riedni.'

Kont nisimgħu ġej minn mitt qamgħa bogħod, ifaqqa' saqajh ma' l-art u jgħajjat: *'Ħaw!!! aaw!! ħowww!'*.

Kif nisimgħuh konna noħorġu niġru fuq l-għatba narawh għaddej.

Waħdu! Tiela' waħdu jittrotja!

X'ferrovija ta' ħsibijiet kienet tgħaddi minn moħħi dak il-ħin! 'Tgħid ta' barraminnhawn?' kont naħseb f'qalbi. U ngħid ġakolatorja. 'Ġesù Marija',kif għallmitni n-nanna x'ħin kienet tara lil xi ħadd riekeb ir-rota! .

Fit-triq ħadd ħliefu! Hu biss. Waħdu waħdu! Kultant iċaqċaq b'ilsienu qisu għandu frosta.

U nerġa' niftakar żmien tfuliti fit-Triq ta' l-Għajn ta' dak inhar! Kemm kienet isbaħ milli hi llum! Bla karrozzi. B'inqas ħsejjes. Lanqas karrettun wieħed. Ġirġi waħdu. Fi triq imħarbta. Bajda bit-tqalligħ tat-torba. U Ġirġi jaqbeż. U jdur! Issa jitwarrab mill-ħofor u issa jogħtor fuq l-istoffi! Kont taħsbu ġej b'kavallerija żwiemel.

Imbagħad kif kien jara lilna niskantaw lejh kien taparsi jonfor u jiżher. U jogħla madwarna. U jitqammas.

'Qisu tassew żiemel!' kont ngħid minn taħt l-ilsien.

U kont ninġibed lura. U miegħi kont niġbed ukoll lil Toni biex ma jirfisniex.

*'Tipsox tof!'* kien jgħidilna. Imbagħad kien jieqaf quddiemna u biex jirraġġa kien jiċċassa lejna.

*'Entum muntumx to Riġine tan-Nunu?'*'kien jistaqsina.

Jien kont nibqa' nħares lejh. U ma nweġbux.

*'Mentejx tarafnoj ħoj?'* kien jgħidli iħares lejja. *'Jin Ġirġi! Ġirġej tel-mestizz! Dok tal-karozzojn!'*

Imbagħad jien u Toni konna ngħattu ħalqna u nidħku. U kif jara li beda jeħlina bi kliemu kien aktar joqmos u jiżher! X'ritratt! Mank li dak il-ħin flok subkonxju kelli *digital camera*. X'ritratt kieku kont nieħu tiegħu!

Ħasra! Ikolli nikkuntenta bit-tifkira biss! U ngħoddha ma' t'oħrajn li ferrħuni. Biħom mimli l-mużew ta' ruħi. Kwadru wieħed ħdejn l-ieħor. Kollha b'uċuħ jitbissmu. Qishom iridu jkellmuni u jgħiduli:'Tiftakar?'

Niftakar ingħid. Kelli ħames snin meta rajtu l-ewwel darba. Dak inhar ukoll kien għamilha ta'żiemel.



*Dehra tipika ta' l-Imġarr, Għawdex, fit-tletinijiet, kif jaslu d-dgħajjes tal-latini minn Malta. Karrettuni u karrozzini bħal ta' Ġirġi tal-mestizz kienu jersqu jistennew li jgħabbu merkanzija u passiġġieri.*

Kont mort għandu ma' Toni. U kellna magħna lil Agta tagħna. Kellha bilkemm tliet snin. U lil Sunta fil-karrozza (*push chair*). Konna morna għandu biex ngħidulu jiġi bil-karrozzin għall-magħmudija ta' Ġuża.

Anki d-dar fejn kien joqgħod għadha f'moħħi. Kienet in-naħa ta' ġewwa fi sqaq imsaqqaf b'arkati. B'bieb baxx u bi twieqi żgħar fil-għoli. U wara, setaħ b'miżieb iqattar fuq ir-rimissa taż-żiemel. Ġirġi kien qed isaqqi il-ġiżimina x'ħin għajjatnielu. U kif lemaħna f'tarf is-sqaq telaq il-barmil u ġie jiġri lejna. Waqaf quddiemna qisu għafas krikk. Imbagħad niżel wiċċu ma' wiċċna u stenniena nidħku. Ħadd minnha, imma, m'għamel sinjal ta' daħk. F'ħin minnhom, biex donnu jikser dak is-skiet, qalilna b'leħen minn imnieħru: *'Il-mamò!'*

Aħna bqajna nħarsu lejh. Kważi bżajna. Imbagħad bdejna nidħku u Toni, b'idu quddiem ħalqu, tenna kemm kemm jinstama: 'Qaltlek il-ma: "Illejla fil-ħamsa!"'

*'El-momò! Pravi, pravi! Niġej tof, ħoj. Ejx tajbe? Xandkim? Tifle jew tifil?!'* staqsiena.

Ma weġibnih xejn. Bqajna ssummati. Imbagħad dawwarna l-karrozza (*push chair*) u tlaqna lejn id-dar.

*'El-mamò!'* Damu ma nafx għal kemm żmien jidwu f'widnejja kliem Ġirġi.

Aħna lil ommi qatt m'għednielha 'mamà'. Dak tas-sinjuri kienu jgħidulha hekk. Aħna *'mo'* u *'po'* konna ngħidulhom. Illum li xjeħt napprezza aktar lil Ġirġi. Sthajjiltu arloġġ taż-żmien, metafora ta' soċjetà li dejjem tinbidel.

*'Mo'* u *'po'*! Dawn huma ġebbieda ta' l-istess għeruq ta' *'jumm'* u *'tha'*. Jidhru fil-hiroglifiċi ta' l-Eġittu u fl-Aramajk ta' żmien Kristu: '*abba* missier'. Fl-ilsna semitiċi l-ittra 'th' tinħass 'b'. L-Għarab lil missierhom jgħidulu '*ba*' jew '*baba*'. Għalhekk '*Ali Baba*'. U l-Griegi dawruha f''*pa*' u '*papa*'. Il-Maltin ħaduha mit-

Taljani, u bħall-Franċiżi u ġnus oħra b'ilsna romanzi, ngħidulhom '*mamà*' u '*papà*'. Sa żmien Ġirġi kont nisma' ukoll min jgħidilhom, '*jumm*' u '*tho*'. Jew '*tha*' jew '*thatha*'. U anke 'missier' li tnisslet minn '*meser*' kif kienu jissejħu s-sidien fewdali Sqallin.

Il-'*mamò*' ta' Ġirġi, għalhekk, baqgħet tberren f'moħħi. U meta s-sena ta' wara erġajna morna għandu u Ġirġi reġa' qalilna '*el-mamò*!!!' jien u Toni ħarisna lejn xulxin u nfqajna nidħku. U l-istess għamilna s-sena ta' wara, u ta' wara, u ta' wara.

Kien ritwal li bqajna nirripetuh kull sena! Għalhekk lil Ġirġi qlajnihielu '*el-mamò*'. Ma kontx nilmaħ karrozzin li ma ngħidx: '*Ġej el-mamò*'.

'Mur ġibu llum!' ġie li ngedwed f'qalbi, 'ta'dawra ma' l-Imdina jieħu għoxrin lira!' Niddubita kienx jaqlagħhom f'sena. Missieri kien jagħtih tmintax irbigħi tal-fidda (25ċ), dak iż-żmien nofstanhar xogħol ta' ħaddiem mal-Gvern. Ċikku Refalo li kien *book deliverer* fil-Librerija kellu seba' xelini (35ċ) kuljum. U puluzija jew *teacher* xelin (5ċ) aktar. Tal-Kalzier, Ċikku Vella, erba' xelini (20ċ) kuljum u Ġużeppi Vella Muscat, impjegat għoli taċ-ċivil, tmien xelini (40ċ). Vjaġġ bil-karrozzin mir-Rabat sa Marsalforn kien xelin u nofs (7ċ5m), skond it-tariffa uffiċjali.

Għadni naraħ ibuslu idejh x'ħin kien jagħtih it-tmintaxirbigħi. Kemm kienu nies twajba! X'Għawdex sabiħ kellna dak iż-żmien! Traffiku ftit. Filgħodu xi karrettun, kultant karrozzin. Tal-Mestizz, ta' Melħa, jew tal-Kelies. U xi karrozza tan-nar. Filgħaxija, imbagħad, toroq baħħ. Dlam. Ħlief għal xi fanal inemnem. Imbagħad bdew jitwaħħlu l-bozoz. Kienu l-ewwel sinjali ta' tmiem id-dlam. Għadni qed nara lill-Ħanfusa ġej għand missieri. Sellum twil irqieq fuq spalltu u landa tal-pitrolju f'idu.

Kienet kultura li qed tinbidel. Fil-moda. Fid-divertiment u fl-ikel. Aħna ukoll konna biddilna d-dar. Neħħejna n-ngħaġa u l-mogħża u bdejna nieħdu ħalib mgħolli jew tal-bott. U kollox bilmod inbidel. Bla ma ħadd induna li l-ekonomija ħadet is-sura tas-suq. U żdiedu l-flus fl-idejn – aktarx b'dak li l-emigranti kienu jibgħatu mill-Amerka – u tfaċċaw il-*motorcars*. Niftakarha ġejja l-*Fiat* ta' Tononu. Meravilja! Kromju dawra mejt, minn *bamper* sa *bamper*. Kont titwerreċ tħares lejha!

Fl-1933 tfaċċat il-lira tal-karta flok tad-deheb. U ftit wara min kellu xi sold fin-*National Bank of Malta* ġabru. Kien tassew beda jberraq. Bħala prekawzjoni l-Ingilterra żiedet ir-riservi tal-flus fil-*Barclays DCO*. 'Minn 150,000 għal 800,000 lira sterlina,' smajt lil Ġużepp tal-Bajdi jgħid lil missieri. Kien intriga biex iwassalhom Malta ċertu A.C.Barnes, wieħed mill-*managers* ta' *Barclays* fl-Eġittu, b'ajruplan privat. 780,000 lira sterlina fi xkejjer pakkett pakkett. L-ewwel minn Londra tar għal Corsica. Biex ma jisirquhx daħħalhom miegħu l-lukanda. Biċċa għamilhom taħt is-sodda, il-bqija fil-gwardarobba. U kif sebaħ reġa' għabba kollox, ħa l-*petrol* u tar lejn Malta.

Aħbarijiet li kont narahom *prima pagina* fil-*Corriere della Sera*. Minnu kont naf li Mussolini ħataf it-Tripolitanja fl-1935. U li Franco rebaħ il-gwerra ċivili fi Spanja s-sena ta' wara. U minnu ukoll kont naf li kullimkien fuq xefaq l-Ewropa kien qed jberraq.

Lil Ġirġi, imma, dan it-theddid xejn ma kien effettwah. Bil-karrozzin kien u bil-karrozzin baqa'. Ma nafx, imma, kemm kien baqa' jiġi fl-magħmudijiet tagħna. Meta kellna lil Ġovann fl-1946 il-karrozzini kien ilhom li bdew jinqatgħu u aħna mit-Triq ta' l-Għajn konna morna f'dar ikbar fil-Vajrinġa.

Lil Ġirġi kont rajtu l-aħħar fil-funeral tan-nannu Pawlu. Ġo Santu Wistin. Kien bilwieqfa man-niċċa tal-Karmnu. Bil-qorq u l-ġlekk tas-setakruda kif kien jiġi meta kellna xi magħmudija. Malli rani ġie fejni u għafasli idi. Imbagħad mesaħ għajnejh b'tarf il-komma t'idu l-lemenija u ...ma rajtu qatt iżjed.

Dan l-aħħar ħabat ma' moħħi u xrift sa quddiem is-sqaq fejn kien joqgħod. Stħajjiltni qed naraħ ipoġġi l-barmil fl-art u jgħidli: '*Ura, lel mejn ket nura!*' Imbagħad waqaf. U xengel rasu. '*Ussa, ħabojp, eż-żimil baħħ. Mor fejn en-nannow!!*'
Xtaqt niġri. Imma, saqajja weħlu. U bqajt inħares lejn dak il-bini li darba kien tant jiġbidni. Kollox kien għadu hemm: id-dar tal-bieb il-baxx, it-twieqi żgħar fil-għoli, l-imwieżeb ... Kollox, kollox barra Ġirġi. Fittixtu għalxejn. Kullimkien. Anke fir-remissa. Imbagħad ħriġt u waqaft quddiem torri ta' *pellets* m'għola sur. U fhimt il-għala Ġirġi ma kienx hemm. U għaliex il-ġiżimina ma warrdet qatt iżjed. Kif tbiddlet it-Triq ta' l-Għajn!







# "QAM MINN BEJN L-IMWIET..."

## *Ir-Rakkonti tal-Qawmien ta' Kristu fil-Vanġeli*

Fr. Charles Buttigieg jikteb minn Ruma

**L-insara jiċċelebraw ir-Rebħa ta' Kristu fuq il-mewt permezz tal-Misteru tal-Għid. Dan il-Misteru huwa uniku u jisboq kull ħsieb ieħor li nsibu fil-Bibbja. Infatti huwa fil-ġudajiżmu tardiv (c.200 Q.K.), li niltaqgħu mal-ideja tal-qawmien mill-mewt għall-premju jew għall-kastig. Fi żmien Kristu nsibu l-Fariżej li kienu jemmnu fl-immortalità tar-ruħ u l-qawmien tal-ġisem fl-aħħar taż-żmenijiet u s-Sadduċej li bħall-griegi kienu jħaddnu biss l-immortalità tar-ruħ. Għalhekk l-aħbar tal-qawmien minn bejn l-imwiet ta' Kristu wara tlitt ijiem fil-qabar, anke tal-ġisem tiegħu, kienet aħbar tassew unika u partikulari.**

### *Teoloġija Biblika dwar il-Qawmien*

Il-verità tal-qawmien ta' Kristu hija l-prova l-iktar importanti tal-kristjaneżmu. Din il-verità hija ffundata principalment fuq ix-xhieda okkulari awtentika ta' Kristu Rxoxt minn diversi persuni, speċjalment l-appostli. Il-qabar "vojt" li ħalla Kristu wara l-qawmien, huwa qabar "miftuħ", qabar "mimli" bi presenza, qabar li jitkellem u mhux sieket, qabar li jipproklama r-Rebħa ta' Kristu fuq il-mewt u fuq il-materja kollha, qabar mirbuħ minn Kristu, qabar li l-għar tiegħu jerġa' jeħodna lejn l-għar ta' Betlehem sabiex jurina li l-istess persuna li twieldet u ssalbet għalina huwa tassew "Immanuel", Alla magħna.

### *Differenzi fir-Rakkonti tal-Qawmien*

Mhux kulħadd jirrakkonta ġrajja bl-istess mod, iżda nsibu sfumaturi differenti skond kif din il-ġrajja tolqot il-personalità tal-individwu. Dan ġara' ukoll fl-esperjenza tal-evanġelisti, li l-erbgħa kollha flimkien jagħtuna kwadru sħiħ ta' din l-ġrajja. Għalhekk mela fir-rakkonti tal-qawmien nsibu differenzi rigward il-postijiet fejn deher Ġesù u anke rigward il-persuni li quddiemhom deher Ġesù, kif ser naraw issa fir-rakkonti tad-dehriet fl-erba' vanġeli.

**i. Mk.16:1-8**

Dan ir-rakkont meqjus bħala wieħed bikri, juri li l-ġebla tal-qabar kienet maqluba. Dan kien fil-għodu kmieni fl-ewwel jum tal-ġimgħa. In-nisa msemmija huma Marija l-Madalena, Marija omm Ġakbu u Salome, li xtraw il-fwejjaħ sabiex jidilku l-ġisem ta' Ġesù. X'hin daħlu fil-qabar huma raw żagħżugħ bil-qiegħda li qalilhom sabiex ma jibżgħux u li Ġesù kien qam, u sabiex imorru jgħidu b'dan lid-dixxipli. Għal din ix-xena n-nisa beżgħu ħafna u ma qalu xejn lil ħadd.

**ii. Mk.16:9-20**

F'dan ir-rakkont li nkomplu nsibu fil-vanġelu ta' Marku, insibu lil Ġesù wara li qam fl-ewwel jum tal-ġimgħa, jidher l-ewwel lil Marija l-Madalena. Hija marret u tat din l-aħbar lid-dixxipli. Hawnhekk insibu lil Ġesù jidher b'sura oħra lil tnejn mid-dixxipli li kienu sejrin lejn ir-rabà. Imbagħad jidher lill-ħdax waqt li kienu fuq il-mejda ġewwa Ġerusalemm.

**iii. Mt. 28:1-20**

Hawnhekk insibu lil Marija l-Madalena u Marija l-oħra li marru jaraw il-qabar wara s-Sibt mas-sebħ ta' l-ewwel jum tal-ġimgħa. Isemmi li saret theżżiża kbira u l-anġlu tal-Mulej niżel mis-sema u qaleb il-ġebla tal-qabar. L-anġlu qal lin-nisa sabiex ma jibżgħux u li jmorru jgħidu b'dan lid-dixxipli. B'kuntrast ta' dak li nsibu fl-ewwel rakkont ta' Marku, in-nisa kollhom biżà u ferħ kbir marru jiġru jagħtu l-aħbar lid-dixxipli. Insibu lil Ġesù jidher lid-dixxipli tiegħu u li dawn nxteħtu quddiemu. Imbagħad insibu lil Ġesù jidher lill-ħdax fuq il-muntanja fil-Galilija.

**iv. Lq. 24**

Luqa ukoll isemmi lin-nisa; Marija l-Madalena, Marija ta' Ġakbu, Ġwanna u oħrajn li ġew ħdejn il-qabar fl-ewwel jum tal-ġimgħa kmieni ħafna. Interessanti l-fatt hawnhekk li Luqa jsemmi żewġ irġiel weqfin ġewwa l-qabar. Wieħed mill-irġiel jgħidilhom il-għala kienu qegħdin ifittxu lil min hu ħaj qalb il-mejtin. In-nisa mbagħad reġgħu lura u taw l-aħbar lill-ħdax. Insibu lil Ġesù jidher lil Xmun u hawnhekk insibu ukoll ir-rakkont tad-dixxipli ta' Emmaws. F'Ġerusalemm imbagħad Ġesù jidher lill-ħdax.

**v. Ġw. 20-21 (Ġw. 20:1-29/Ġw. 21:1-3)**



Fil-kap 20, Ġwanni jgħid li kien l-ewwel jum tal-ġimgħa, fil-għodu, meta kien għadu d-dlam meta Marija l-Madalena u persuna oħra ġew ħdejn il-qabar. Wara li kienu ġew Pietru u d-dixxiplu l-ieħor u daħlu fil-qabar u raw l-fsieqi mixħutin, emmnu u reġgħu lura. Marija rat żewġ anġli lebsin l-abjad bil-qiegħda, u staqsewha l-għala kienet qed tibki. Hi kienet ħasbet li kienu serqu lil Ġesù. Ftit wara Ġesù jidher lil Marija Madalena. Imbagħad f'Ġerusalemm Ġesù jidher lid-dixxipli fejn kien hemm Tumas nieqes. Wara tmint ijiem Ġesù jerġa' jidher lid-dixxipli u Tumas kien magħhom. F'kap 21 insibu lil Ġesù jidher lil seba' mid-dixxipli ħdejn il-baħar ta' Tiberija fil-Galilija.

## *Elementi Komuni fir-Rakkonti*

Minkejja d-differenzi ta' natura aċċidentali li rajna fir-rakkonti, ma nistgħux niċħdu l-element komuni sostanzjali li jgħaqqadhom. L-ewwelnett il-ġrajja seħħ fl-ewwel jum tal-ġimgħa; il-Ħadd jiddomina ir-rakkonti kollha, u għalhekk nistgħu nifhmu tajjeb l-aspett paskwali tal-"Jum il-Mulej". Huwa ukoll it-tmien jum tat-tiġdid tal-fidi u taċ-ċirkonċizjoni tal-qalb tagħna kif kien għal San Tumas u għad ikun il-Jum Etern li qatt ma jara dlam fl-eternità tad-dawl t'Alla. It-tieni punt komuni, huwa li dejjem naraw l-inizjattiva ta' Kristu f'dawn id-dehriet. It-tielet, Kristu juża xi forma ta' tislima per eżempju; "Is-sliem għalikom!". Ir-rabà punt komuni huwa li d-destinatarji dejjem jaslu li jagħrfuh u jemmnu fih, u fl-aħħarnett naraw dejjem l-ordni li Ġesù jagħti lid-dixxipli sabiex ixandru din il-Bxara t-Tajba lid-dinja kollha.

## *Konklużjoni*

Il-qawmien ta' Ġesù kien ifisser għall-ewwel insara li Ġesù huwa ħaj u preżenti fosthom speċjalment fil-qsim tal-ħobż, fl-Ewkaristija. Il-qawmien juri lil Ġesù bħala Fundatur differenti mill-fundaturi l-oħra tar-reliġjonijiet l-oħra għaliex huwa Alla nnifsu. Kien għalhekk li San Pawl iħeġġeġ lill-insara sabiex jemmnu fil-qawmien ta' Kristu, li permezz tiegħu aħna lkoll irċevejna qawmien ġdid. Il-qawmien ta' Kristu għalhekk huwa stedina ta' fidi quddiem id-dubju, stedina għall-ħajja quddiem il-mewt, stedina għall-paċi quddiem il-gwerra, stedina għar-rikonċiljazzjoni quddiem id-dnub. Ejjew għalhekk inwiegbu lkoll flimkien bħala Knisja għal din l-ikbar ġrajja li qatt seħħet fl-istorja tal-umanità.

## *Biblijografija*


*The Apocryphal Jesus. Legends of the Early Church, ed. J.K. Elliot, New York 1996.*
*The New Jerome Biblical Commentary, eds. Raymond E. Brown ñ Joseph A. Fitzmyer- Roland E. Murphy, London 21993,*
*Leon-Dufour, X., Resurrection and the Message of Easter, New York 1975.*
*Nicolas Marie, Joseph, Teologia della Risurrezione, Teologia e Filosofia 16, Città del Vaticano, 1989.*
*Stock, Klemens, I racconti pasquali dei vangeli sinottici, Pontificio Istituto Biblico, Roma 2002.*
*Teani, M., Corporeità e risurrezione. L'interpretazione di 1 Corinti 15:35-39 nel novecento, Alosiana 24, Roma ñ Brescia 1994.*
*Fr. Charles Buttigieg, S.Th.L (Biblica), Qala*
*Ara. Dan. 12:1ff; 2 Mark.7; Għerf 2-5 u l-ktieb apokalittiku Lhudi, 1 Enok.*
*Fil-G.T., naraw lil Lazzru, it-tifla ta' Gajru u t-tifel tal-armla ta' Najm kollha jiġu mqajmin minn Kristu u jerġgħu jirritornaw għall-eżistenza umana u jibqgħu suġġetti għall-mewt.*
*Il-vanġelu apokrifu ta' Pietru u l-vanġelu apokrifu ta' Nikodemu jew l-Atti ta' Pilatu jagħmlu tentattiv ta' deskrizzjoni ta' kif seħħ il-qawmien ta' Kristu. Ara. The Apocryphal Jesus. Legends of the early Church, ed. J.K. Elliot, New York 1996, 67-88.*
*The New Jerome Biblical Commentary, eds. Raymond E. Brown ñ Joseph A. Fitzmyer- Roland E. Murphy, London 21993, 1375-1376.*
*Il-fsieqi tal-grotta tal-qabar jerġgħu jeħduna fil-grotta ta' Betlehem, fejn t-tarbija kienet mfisqija f'maxtura. Ara Lq. 2:12.*
*Ara Lev 25:22, it-tiġdid u l-purikazzjoni tal-art fil-bidu tat-tmien sena, wara s-sena tal-mistrieħ fis-seba' sena.*
*Ara Lev 12:3; Lq 1:59 u 2:21.*
*Pheme Perkins, New Testament, 126-127. M. Teani, Corporeita' e risurrezione. L'interpretazione di 1 Corinti 15:35-39 nel novecento, Alosiana 24, Roma ; Brescia 1994.*



**ANTHONY MERCIECA**
**"Tal-Mezzan"**

'Santa Martha', Arch. P.P. Pace Str.,
Victoria, VCT 111, Gozo - Malta.
Tel: 2156 0079 Mob: 9942 5079

KLEEN CO.
THE CLEANING CO. LTD.





# int u saħħtek



*L-appuntament ta' Dr Mario Saliba M.D. mal-qarrejja tagħna.*

## Ikun Imbierek l-Ilma!

***"Tkun imfaħħar, Mulejja, f'ħuna l-ilma, hekk meħtieġ u umli, siewi u safi".***

Minkejja li l-ilma huwa l-iktar element komuni fid-dinja u tlett kwarti minn wiċċ id-dinja tikkonsisti minn ibħra, oċejani, xmajjar u għadajjar, hemm nuqqas ta' ilma għall-użu tal-bniedem biex jixrob, jinħasel u jkabbar il-prodotti agrikoli. L-użu ta' l-ilma tant żdied li llum hawn nuqqas serju ta' ilma li saħansitra l-Ġnus Magħquda qed tgħid li hawn kriżi ta' l-ilma mad-dinja kollha.

L-ilma huwa meqjus bħal dritt fundamentli għax mingħajru l-bniedem ma' jistax igħix. Minkejja dan 15% biss mill-popolazzjoni tad-dinja għandhom ilma fil-vit. Huwa kkalkulat li fid-dinja hawn biljun ruħ li ma għandhomx aċċess għal ilma nadif. Kull bniedem għandu bżonn madwar 50 litru ilma kuljum għall-bżonnijiet tiegħu ta' ikel u ta' ħasil. Iżda l-maġġoranza tal-popolazzjoni tad-dinja għandha biss 4 litri ilma għad-disposizzjoni tagħha u ħafna minn dawn in-nies lanqas vit ma għandhom! 6,000 ruħ imutu kuljum minħabba d-dijarija kawżata minn ilma kontaminat. 200 miljun ruħ kull sena jimirdu b'xi tip ta mard kawżat minn ilma kontaminat jew minn nuqqas ta' ilma. Il-konsum ta l-ilma żdied bid-doppju f'dawn l-aħħar 50 sena. 70% ta' l-ilma jintuża għall-agrikoltura u 20% oħra għall-industrija. Ħafna minn dan l-ilma jintrema. Wieħed jista jirrealiżża li 10% biss mill-ilma kkunsmat jintuża mill-bniedem!

F'dan il-forum dinji, minkejja li semmew diversi teknoloġiji moderni kif nistgħu intejbu l-provvista ta' l-ilma, il-punt prinċipali kien li kulħadd għandu obbligu li jibża għall-ilma, anke pajjiżi kbar li għandhom ix-xita s-sena kollha! Barra minhekk kull teknoloġija moderna li tista' tiġi applikata tqum il-flus. Is-sigriet huwa it-tnaqqis tal-ħela, u l-ilqugħ ta' l-ilma tax-xita biex ma jintilifx fil-baħar billi jintużaw sistemi antiki. Dawn il-miżuri jkunu applikati madwar id-dinja kollha biex fi żmien għaxar snin oħra n-numru ta' nies neqsin mill-ilma jonqsu bin-nofs.

Hawn Malta minħabba nuqqas ta' xita għandna problema ta' ilma u ta' kull sena d-domanda għall-ilma qegħda tkun ikbar mill-provvista. Minkejja dan, aħna l-Maltin poplu ma tantx nibżgħu għall-ilma. Ftit nafu xi jfisser nuqqas ta' ilma. Mhux ta' b'xejn li meta nispiċċaw nagħmlu xi ġurnata jew tnejn mingħajr ilma kulħadd igerger u jeqred. Il-mod kif aħna nipproduċu l-ilma permezz ta' sistemi ta' *reverse osmosis* iqum il-flus. L-ilma li ntellgħu minn taħt l-art huwa limitat u jrid jiġi kkontrollat ukoll. Minkejja l-kontroll li sar għadek issib min itella' l-ilma bla kontoll, illegalment.

Din ix-xitwa kellna staġun nieqes ħafna mix-xita, għax skond *il-gozoweather.com* ta' Joe Meilak għamlet madwar 379.7mm ta' xita mill-1 ta' Settembru 2003 sa l-aħħar ta' Frar 2004. Minkejja dan, kemm salvajna minn dak l-ilma li l-Bambin bgħatilna? Qabel ix-xitwa il-widien baqgħu ma tnaddfux. Għalhekk mill-ewwel imtlew bl-ilma u dan baqa sejjer fil-baħar. Dan minħabba li l-widien ma' għandhomx ilqugħ tajjeb. Din hija ħasra meta nafu kemm hawn Malta għandna nuqqas ta' ilma. Hemm bżonn ta' pjan serju u maħsub biex il-widien tagħna jitnaddfu fis-sajf u jsir ilqugħ tajjeb biex aktar ilma ikun ippreservat. Ħasra tara dak l-ilma kollu jintrema fil-baħar. Tajjeb li l-ilma tax-xita nippreservawh u nużawh għall-agrikoltura, iżda irridu nsemmu wkoll li l-ilma li hemm taħt l-art u li n-natura taħżen għalina ma nedirduhx billi intaqbu għalih b'mod eċċessiv kif ukoll illegali. Dan huwa tip ta' serq u abbuż ta' min jikkundannah minħabba l-ħsara li qed ssir lill-ilma ta' taħt l-art, fejn qed jiżdied l-ilma salmastru.

Sistemi oħra għall-preservazzjoni ta' l-ilma għandhom jittieħdu fuq bażi individwali. Fosthom wieħed jista' jsemmi l-użu tal-ġwiebi u tankijiet fuq il-bjut. Min jista jagħmel ġibja d-dar ikun qed jinvesti tajjeb. Illum jeżistu sistemi biex l-ilma li jinġabar minn tax-xita jkun jista' jiġi ppurifikat permezz ta' metodu bioloġiku li jirrendi l-ilma tajjeb għall-ħasil u t-tisqija. Hemm imbagħad sistemi oħra li l-ilma jista' ukoll ikun ippurifikat iktar biex jintuża għax-xorb.

Meta titkellem ma' inġiniera esperti fuq din il-materja, dawn jgħidulek li biex wieħed jagħmel sistema bħal din fid-dar tiegħu tkun trid biss kapital darba, għax is-sistema hija waħda sempliċi u ma tinħtieġ xi teknoloġija avvanzata u lanqas spejjes biex iżżommha. F'Malta nipproduċu tip wieħed ta' ilma. Dan jintuża kemm għax-xorb, għall-industrija u għall-agrikoltura. 50% minn dan l-ilma jintrema fid-drenaġġ. Hemm sistemi fejn l-ilma tad-drenaġġ jista' ikun ippurifikat biex jintuża' għat-tisqija. Dawn huma affarijiet li fil-futur qarib irridu nibdew naħsbu fihom u nagħmluhom, għax il-problema ta' l-ilma hawn Malta ġa tinħass. Fil-futur l-ilma ser jiġi jqumilna ferm aktar milli jiswa llum u l-ebda sussidju tal-gvern ma jkun jista' jagħmel tajjeb għal din l-ispiża fil-produzzjoni ta' l-ilma. Minkejja dan kollu l-ilma f'Malta għadu prodott irħis! Forsi din hija r-raġuni li ħafna minna jużawh bla rażan! Il-quddiem l-affarijiet iridu jinbidlu u l-ilma ser ikun jiswa' lill-konsumatur ħafna iktar. Irridu noħolqu kuxjenza nazzjonali biex nibżgħu iktar għall-ilma u jkun hemm inċentivi min-naħa tal-gvern biex iktar nies jużaw is-sistemi li semmejna iktar 'il fuq.

Problema oħra li għandna hawn Malta hija li madwar 30% mill-provvista ta' l-ilma qed tisparixxi mingħajr ħadd ma' jaf fejn. Dan jiġri minħabba ħsarat ta' pajpijiet qodma tad-distribuzzjoni ta' l-ilma, ħsarat fil-mejns, u rridu nsemmu wkoll is-serq ta' ilma minn individwi. Ħasra meta tara ħsara f'xi mejn ta' l-ilma u l-ilma jdum ħiereġ u jinħela għax ikun hemm dewmien biex din l-ħsara tissewwa. Dawn affarijiet xi ħadd irid jagħti kont tagħhom. Imbagħad mhux l-ewwel darba ukoll li tara lil xi wħud bil-*hosepipe* imqabbad mal-vit jaħslu il-bankina u quddiem id-dar. Din hija ħaġa tal-misthija u turi ċertu egoiżmu minn min jagħmilha. L-ilma m'għandux jintuża' b'dan il-mod. Dawn għax jifilħu jħallsu jaħlu kemm iridu!

L-ilma tant sar prezzjuż u importanti, u hemm bżonn nibżgħu għalih, li anke pajjiżi li għandhom ħafna minnu minħabba l-ammont ta' xita li għandhom, qed jagħmlu kampanji pubbliċi biex ma jkunx hemm ħela ta' ilma bla bżonn. L-ilma għandna nużawh tajjeb mingħajr ħela. Dak li jgħodd għal pajjiżi ferm ikbar minn Malta jgħodd iktar għalina. Il-Gnus Magħquda bir-raġun hija mħassba dwar l-ilma. Hemm bżonn ta' inqas ħela ta' ilma, ilqugħ aħjar



ta' l-ilma tax-xita, użu aħjar ta' l-ilma għall-industrija u l-agrikoltura, u distribuzzjoni aħjar ta' l-ilma lill-popli kollha tad-dinja biex jonqos il-guħ u l-mard. F'kull pajjiż tad-dijna trid tidħol sistema fejn 40% ta' l-ilma użat irid jerġa jintuża' għall-industrija jew l-agrikoltura. Huwa kkalkulat li fil-futur jinħtieġ iktar ilma għall-agrikoltura biex din tkun tista' tlaħħaq mad-domanda ta' l-ikel meħtieġ. 70% ta' l-ilma ġa qed jintuża għat-tisqija ta' prodotti agrikoli. Dan l-ammont ser jiżdied fil-futur, u għalhekk jekk ma jistabux sistemi ta' preservazzjoni ta' l-ilma d-domanda tista' tkun akbar mill-provvista! Dan jista' jwassal biex ċerti pajjiżi ma jkunux jistgħu jlaħħqu biex jipproduċu l-ammont ta' ilma meħtieġ, bir-riżultat li jbatu l-ġuħ.

Minn dan naraw kemm huwa importanti li nibżgħu għall-ilma. Illum ma tantx għadna naraw pubbliċità biex it-tfal tagħna u aħna l-kbar nibżgħu għall-ilma. Kulmin jaħli l-ilma jkun qed jagħmel dnub kontra l-umanità. Ftit nirrealiżżaw kemm hawn nies neqsin minn dan l-element tassew bzonjuż li mingħajru ma tistax tgħix. Fuq livell lokali, nafu li Għawdex huwa post agrikolu u l-ilma huwa xi ħaġa indispensabbli għall-bdiewa tagħna. Is-serq ta' l-ilma mhux biss huwa ħażin iżda qed issir ħsara rreparabli li ser ibatuha l-bdiewa stess fil-futur. Irridu naddottaw sistemi antiki ta' lqugħ ta' l-ilma tax-xita u iktar kuxjenza fl-użu ta' l-ilma.

Ta' Pawlu
Bar & Restaurant
Tel: 2155 8355
Mob: 9942 1536
Fax: 2156 4382
4 Triq Manuel de Vilhena, Imgarr, Gozo, GSM 104.

LANTERN
Guest House
Restaurant • Pizzeria
MARSALFORN - GOZO
Tel: 562365 • Fax: 556285
Mobile: 09877648 / 09883028
Residence: Tel: 554186
E-mail: romx@vol.net.mt
SEA VIEW APARTMENTS ALSO AVAILABLE




# Apprezzament: U. Rudolph Rothenbulher

## Iħallina Awtur Sportiv Internazzjonali, ħabib u kważi residenti ta' Għawdex

Ma stajtx li nħalli għaddejja bħal qisu qatt ma ġara x-xejn, it-telfa wara l-aħbar ta' mewtu lil dan il-ħabib, sportiv per eċċellenza u magħruf sew fix-xena internazzjonali tal-futbol li miet ftit ta' xhur ilu wara marda kiefra li fatmitu anke minna l-Għawdxin. Qed nirreferi għal U. Rudolph Rothenbulher jew kif kien magħruf minn bosta bħala Rudi tal-UEFA. Huwa miet fl-4 ta' Ottubru li għadda fl-età ta' 60 sena. Rudi għamel karriera twila fi ħdan l-Għaqda Ewropea tal-Futbol. Filfatt huwa daħal jaħdem mal-UEFA fl-1 t'April 1973 fejn serva bħala uffiċjal għar-relazzjoni pubbliċi sa Diċembru 1993. Dan kien xogħol impenjattiv ħafna għal Rudi li ried anke jikkreja iktar kumunikazzjoni diretta ma' rappreżentanti tal-media sportiva internazzjonali, kif ukoll ma' uffiċjali għar-relazzjonijiet pubbliċi tal-Għaqdiet tal-Futbol fl-Ewropa.


Joe Bajada jippreżenta uħud mill-pubblikazzjonijiet sportivi lil Rudi biex jitpoġġew fil-librerija tal-UEFA

Rudi kien interpretu u ġurnalista ta' l-għola professjonalità. Għalih li jirraporta konferenza għall-istampa kienet faċli qisu qed jikteb xi artiklu sportiv. Lanqas qatt ma kien jiddejjaq jikkoreġi artikli li kienu jidhru fuq ir-rivisti li l-UEFA toħroġ perjodikament. Matul dawn is-snin huwa kien ġie appuntat bħala l-*attache*' għal Lennart Johansson, President tal-UEFA u anke għal Gerhard Aigner, Kap Eżekuttiv tal-istess Għaqda Kalċistika. Matul dan il-perjodu huwa ħadem u lesta l-ktieb li jikkomemora l-25 Anniversarju tal-UEFA. Ktieb li jiena għandi x-xorti li għandi kopja fil-librerija sportiva tiegħi, l-kopja li kellu hu fejn kien tagħni hu personalment w awtografata minnu stess fir-residenza li kellu fi Triq ta' Ċenċ f'Sannat, liema koppja issa qed ngħożż iktar minn qatt qabel. Però Rudi kien għaddej b'pubblikazzjoni oħra biex jiġi ċċelebrat l-50 Anniversarju tal-istess UEFA. Kien xogħol kbir wisq għal Rudi li issa kien kien ġa beda jara s-sintomi tal-marda li finalment ħadietu minn magħna. Madankollu dan il-ktieb kien prattikament lest sal-ġurnata ta' mewtu, u issa appena jkun ippubblikat ser ikun l-ikbar tifkira ta' bniedem li ħadem tant għal UEFA. Kienet ix-xewqa kbira tiegħu li jlesti din il-pubblikazzjoni biex mbagħad jiġi fostna għal irtirar xieraq wara karriera twila fil-qasam sportiv.

Però mmur lura għal meta jien kont iltqajt l-ewwel darba miegħu. Kien f'Marzu 1985, f'perjodu li jien kont naħdem fl-Isvizzera, l-post fejn fih insibu l-Kwartieri Ġenerali ta' diversi Organiżżazzjonijiet u Għaqdiet Mondjali. F'dak iż-żmien kien ferm diffiċli li niltaqa' miegħu minkejja li kważi domt xahrejn hemm, u dan

minħabba l-impenji kollha li kellu ta' appuntamenti f'diversi pajjiżi oħra. Stħajjiltu qisu jien niżel sar-Rabat; hekk kien għal Rudi s-safar għal pajjiżi oħra. Niftakar ħafna kemm issorprendieni meta jiena għetlu li jien minn Għawdex, gżira viċin Malta.

U nistqarr li kien jaf fuq il-gżira tagħna iktar milli kont naf jien. Filfatt huwa stqarli li kien għadu kif xtara post f'Sannat u dan dejjem bil-koperazzjoni u probabbli anke b'rakkommandazzjoni mill-President tal-MFA, Dr. Joe Mifsud li kien għadu kif kien elett fl-Eżekuttiv tal-UEFA. Sa semmieli l-istat mhux daqstant tajjeb tat-toroq tagħna f'dawk iż-żminijiet li jmorru lura madwar 20 sena ilu.


R.Rothenbulher jippreżenta s-Super Cup Għawdxija lil Michael Camilleri, Segretarju ta' Victoria Hotspurs

Biex ma ntawwalx ħafna, minn dak in-nhar nibtet ċerta ħbiberija bejni u bejn Rudi. Filfatt huwa abbonani mall-ewwel mal-pubblikazzjoni li toħroġ kull xahar il-UEFA, li għadni nirċeviha sal-lum. Bis-saħħa ta' din il-ħbiberija jiena rnexxieli nġib fostna anke lis-Segretarju Ġenerali tal-UEFA, Gerard Aigner, u anke personalitajiet oħra sportivi nternazzjonali. U ovvjament, li Rudi kien jiġi għall-vaganzi tiegħu f'Għawdex kompla saħħah din l-għaqda ta' bejnietna. Matul is-snin beda anke jonorana waqt ċerti finali li kienu jsiru f'Għawdex u anke għamel preżentazzjoni kemm fil-Gozo Stadium kif ukoll waqt l-ikliet annwali li kienet torganizza l-GFA, fiż-żmien li jiena kont l-uffiċjal għar-relazzjoni pubbliċi tal-GFA. Rudi kellu stima kbira għall-President tal-MFA, fejn stqarli li bis-saħħa ta' Dr Mifsud, l-UEFA kellha statut mill-iktar aġġornat u dan għal ħidma kbira li wettaq fil-UEFA Dr Mifsud appena kien elett fl-Eżekuttiv.

Matul dan iż-żmien li kont nafu, Rudi stedinni kemm il-darba fir-residenza tiegħu, fejn imbagħad kien ikun impossibli li jħallik titlaq, avolja jkunu saru s-sigħat bikrin ta' filgħodu. Jekk kont tgħidlu li ser titlaq kien bħal jitfantas, u dan forsi kien wieħed mill-ftit difetti li kellu Rudi. Tkellimna flimkien l-iktar fuq il-*football* imma kien intiż kważi fuq kull suġġett ieħor. Kellu wkoll għal qalbu l-mużika u kien jaf anke jdoqq xi strumenti. Kellu diversi ħbieb oħra kemm f'Malta u b'mod partikolari f'Għawdex. Kien sar magħruf ħafna. Dejjem naf li kien jgħin li dawk kollha li wrew ix-xewqa tagħhom li jassistu għal xi finali Ewropea. Bħala tim favorit Għawdxi kellu lil Victoria Hotspurs. Filfatt kien anke rregalalhom set flokkijiet ħomor li kienu jilagħbu bih *players* ta' fama waqt logħba testimonjali li kienet saret. Rabta u fl-istess waqt imħabba li huwa beda mat-tim glorjuż Rabti bis-saħħa ta' Carmel Camilleri, ex-player tal-istess Hotspurs u *manager* ta' bank lokali. Hemm ħafna x'wieħed jgħid fuq Rudi. Fl-aħħar snin ta' ħajtu huwa kien, kull meta jiġi Għawdex, jgħaddi bosta ħin f'ħanut partikolari fil-pjazza, magħruf bħala tax-Xelina, f'Sannat. Hemm hu kien jintasab jlegleg xi ħaġa, filwaqt li jitkellem ma' bosta li issa kienu drawh sew, u kważi kien sar ċittadin anke ta' raħal twelidi, Sannat.

Matul id-diskursati li kien ikollna ma naqsux anke pariri professjonali għal karriera ġurnalistika sportiva tiegħi. Rudi semmieli l-importanza qawwija li rrid nieħu meta nkun nirraporta xi avveniment sportiv, fejn qatt u qatt m'għandu jkolli xi appoġġ għal xi wieħed mill-kontestanti. Għadni qisni qed nisimgħu issa lil Rudi jgħidli li bħala ġurnalist sportiv għandi nkun qiegħed hemm biex nirraporta dik il-ġrajja fejn inkun l-għajnejn, il-widnejn u l-moħħ ta' min ma setax ikun preżenti għal tali avveniment. Kien professjonalista fix-xogħol tiegħu, u b'dik l-esperjenza kollha li kellu kien l-aqwa professur għal min bħali jappartjeni għal media sportiva.


R.Rothenbulher ferħan jifraħ ma' Victoria H wara li rebħu finali mportanti bil-flokk li rregalalhom huwa stess

Personalment lili mpressjonani bl-umiltà kollha tiegħu u ma kien jagħmel l-ebda distinzjoni għax qed jitkellem ma' xi Għawdxi; għalih ma kienet tagħmel l-ebda differenza. Niftakar l-ewwel darba li ltqajt miegħu u għidtlu li jien Għawdxi, kien qalli li dan ma jagħmel l-ebda distinzjoni għalih, iktar u iktar li kien qed isir parti ntegrali mal-gżira tagħna u kien jkun ħerqan biex jiġi hawn għall-vaganzi tiegħu.

Għandi ħafna iktar esperjenzi x'nirrakkonta ta' dan il-personalità sportiva internazzjonali li ħallietna matul is-sena l-oħra. Persważ fuq kollox li l-ħidma sportiva tiegħu kienet ta' stimolu u ta' mudell għal ħafna oħrajn. Ninsab konvint li l-vojt li ħalla b'mod partikolari fil-UEFA diffiċli li jimtela' hekk faċilment. Iżda d-destin tal-Mulej ma jafu ħadd u dak li jibgħat irridu naċċettawh bħal ma jiena wkoll kelli personalment naċċetta t-telfa tal-għażiż uniku ħija, John, li miet traġikament b'disgrazzja f'Sydney fl-età ta' 50 sena fil-21 ta' Frar li għadda. Il-firda hija kerha iżda it-tifkiriet jibqgħu memorja ħajja tal-individwu. Nittama li l-Mulej jieħu ħsieb lil dawk li joftom minna u jirregalalhom il-premju ta' ħidmiethom fuq din l-art.




*miġbura minn Pierre Mejlak*

***Raġel li qatta' għomru l-isptar isir attrazzjoni turistika!***
Raġel ta' 82 sena mill-Messiku, li ilu 62 sena l-isptar, qed jiġbed lejn is-sala ta' l-isptar għexieren ta' turisti kull ġimgħa. Ir-raġel daħal l-isptar meta għalaq għoxrin sena u jistqarr li l-ħajja fl-isptar sabha komda ħafna. Għalkemm il-kundizzjoni ta' saħħtu hija waħda normali, l-infermiera u l-awtoritajiet ta' l-isptar issa drawh jiġri ma' saqajhom u m'għandhomx qalb jitfgħuh fit-triq. Min-naħa tiegħu, ir-raġel beda jpitter inkwatri żgħar u jbiegħhom lit-turisti li jmorru jżuruh l-isptar!

***Siker u ħalla l-bank miftuħ il-lejl kollu!***
*Manager* ta' bank qatt mhu se jinsa l-lejl li fih xorob ftit iżjed mis-soltu u siker. Ġara li ħalla l-bieb tal-bank miftuħ! Ir-raġel kien responsabbli mill-Kisan Gramin Bank f'Mainpuri, fl-India. Skond il-gazzetta *United News of India*, ir-raġel ħareġ mill-bank ifaqqa' daħka wara l-oħra, u baqa sejjer lejn id-dar, bil-bieb tal-bank miftuħ beraħ! Bosta nies li nzertaw għaddejin minn ħdejn il-bank matul il-lejl, daħlu jagħtu titwila. Ftit kienu dawk li ħarġu idhom f'idhom. Il-*manager* illum qed ifittex xogħol...

***Jiflaxja eluf ta' liri!***
Povru Irlandiż! Kien fuq ferrovija, daħal fit-toilet u bi żball ifflaxxja l-flus kollha li kellu fil-but ta' wara. Inzerta li kellu xejn anqas minn Lm16,000 li kien għadu kemm ħariġhom mill-bank. Ir-raġel kien fi triqtu lejn l-Ingilterra biex jixtri karozza. Wara tfitxija intensiva, f'postijiet xejn sbieħ, instabu ma' l-elfejn lira biss!

***Bush jerġa jagħmilha!***
Il-President ta' l-Istati Uniti George W Bush ta' sikwit joħroġ b'waħda tajba. Meta ftit tal-jiem ilu kien qed jitkellem fl-okkażjoni tal-jum dinji tan-nisa, Bush għamel eloġju lil Fathi Jahmi li minn għaliħ hija mara! Dam ifaħħarha ħafna għall-kuraġġ li wriet, għal mod kif ħaddnet il-prinċipji tagħha u elf ħaġa oħra li minn għalih għamlet! Imma l-*Amnesty International* pronti pronti ħarġu stqarrija fejn qalu lil Bush li Fathi Jahmi huwa raġel u mhux mara! Jahmi għandu 62 sena u kien ġie arrestat fil- Libya fl-2002. Ġie meħlus ftit tal-jiem ilu.

***L-itwal daħka... u l-aħħar waħda!***
Ċertament tista tgħid li Peter Wollsh, Norvegiz ta' 81 sena miet bi tbissima. Dan l-anzjan ipparteċipa f'maratona ta' daħk, fejn folla nies tibda tidħak u min jibqa' jidħak waħdu jirbaħ somma kbira ta' flus. Għexieren ta' *cameras* ikunu iffukati fuq il-parteċipanti biex malli wieħed iqarras ftit wiċċu, jiġi eliminat. Ġara li x-xwejjaħ ma sserja qatt u baqa jidħak u jfaqqa għall-ebda raġuni partikolari għal 7 sigħat bla waqfien. Ħafna nies tbikkmu u l-maratona ġiet kanċellata meta wara seba' sigħat x-xwejjaħ waqa ma' l-art mejjet. Kien sofra attakk tal-qalb!



**IT-TRIQ TAX-XLENDI ... 75 SENA ILU**

**Aħna l-anzjani għadna niftakruha sewwa dik it-triq mgħawġa u mħarbta li twassal sal-bajja tax-Xlendi. Illum hi ferm aħjar minn dak inhar. Imma dawk l-għelieqi fuq iż-żewġ naħat tagħha llum imtlew bil-bini. Għax aħna... jew nejja jew maħruqa!**


Skont
ta'
10%
fuq kotba
mill-isbaħ
għat-tfal
...dejjem!
LUMEN CHRISTI
BOOKSHOP
Victoria, Gozo - tel. 2156 0496
366 BIBLE STORIES
Classic Enid Blyton Stories
KNOW THE WORLD OF ANIMALS
Birds, Reptiles and Insects
WORLD HISTORY ENCYCLOPEDIA
MILLENNIUM EDITION
SCIENCE EXPERIMENTS
366 Fairy Tales
NUMBERS
THE EUROPEAN COMMUNITY and how it works
365 TALBA GĦAT-TFAL
Children's WORLD ATLAS
GĦAT-TFAL
L-BIBBJA
L-ISTORJA TA' ĠESÙ
miktuba għat-tfal
THE ILLUSTRATED
ENCYCLOPEDIA










# X'QED TITLEF!

## Dnub jekk ma baqgħalekx moħħ taqra...!

**LUMEN CHRISTI PUBLICATIONS**

*jistednuk taqra mqar wieħed minn dawn is-seba' kotba ġodda li ħarġu dan l-aħħar...*

**għall-ġid tiegħek!**













**LUMEN CHRISTI MEDIA CENTRE, VICTORIA, GĦAWDEX - TEL: 2156 0496**